Parlament Ewropew
2014-2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2017/2039(INI)**

27.9.2017

# EMENDI
# 1 - 224

**Abbozz ta' rapport**
**Romana Tomc**
L-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ fl-Istati Membri
(2017/2039(INI))

**Emenda 1**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships tal-10 ta' Marzu 2014,*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea, il-Protokoll Addizzjonali tagħha u l-verżjoni riveduta tagħha, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999,*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 12b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli għall-2030, b'mod partikolari l-għan 8 għal "Promozzjoni ta'*** |

| | |
|---|---|
| | *tkabbir ekonomiku sostenut, inklussiv u sostenibbli, impjiegi sħaħ u produttivi u xogħol deċenti għal kulħadd" li ġew adottati min-NU fl-2015 u li japplikaw għad-dinja kollha, inkluża l-UE,* |

Or. en

**Emenda 4**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 12c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-rapport dwar l-ikkompletar tal-unjoni ekonomika u monetarja tal-Ewropa (ir-"Rapport tal-Ħames Presidenti") tat-22 ta' Ġunju 2015, id-dokumenti ta' riflessjoni dwar id-Dimensjoni soċjali tal-Ewropa, id-dokument ta' riflessjoni dwar l-approfondiment tal-Unjoni Monetarja Ewropea u l-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa,*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 12d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017 li tistabbilixxi Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-*** |

*26 ta' April 2017 dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,*

Or. en

**Emenda 6**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 12e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-* *wara li kkunsidra l-ħidma u r-riċerka tal-Eurofound, is-Cedefop, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) u l-Istitut Ewropew tat-Trejdjunjins (EUTI), il-Konfederazzjoni tan-Negozji Ewropej (BusinessEurope), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Intrapriżi Żgħar u Medji (UEAPME), iċ-Ċentru Ewropew ta' Intrapriżi b'Parteċipazzjoni Pubblika (CEEP), l-Eurocities u l-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ,*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 12f (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-* *wara li kkunsidra d-diskors tal-President Juncker dwar l-Istat tal-Unjoni fit-13 ta' Settembru 2017, il-Pjan*** |

| | |
|---|---|
| | ***Direzzjonali għal Unjoni Aktar Magħquda, Aktar Qawwija u Aktar Demokratika (Abbozz tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2018) u l-Ittra ta' Intenzjoni lill-President Antonio Tajani u lill-Prim Ministru Juri Ratas,*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Jeroen Lenaers, Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa – A (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-A. billi, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %;*** |

Or. nl

**Emenda 9**
**Laura Agea, Marco Valli, Tiziana Beghin, Rosa D'Amato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika kienet il-kawża għaż-żieda fir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ minn 15 % fl-2008 sakemm laħqet il-quċċata tagħha ta' 24 % fil-bidu tal-2013, u billi din ir-rata medja tgħatti d-diverġenzi enormi fost l-Istati Membri u r-reġjuni; billi r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-2013 baqgħu qrib l-10 % fil-Ġermanja, l-Awstrija u n-Netherlands filwaqt li laħqu l-quċċata tagħhom ***qrib l-40 %, jew*** sew aktar minn | A. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika kienet il-kawża għaż-żieda fir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ minn 15 % fl-2008 sakemm laħqet il-quċċata tagħha ta' 24 % fil-bidu tal-2013, u billi din ir-rata medja tgħatti d-diverġenzi enormi fost l-Istati Membri u r-reġjuni; billi r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-2013 baqgħu qrib l-10 % fil-Ġermanja, l-Awstrija u n-Netherlands filwaqt li laħqu l-quċċata tagħhom sew aktar minn ***40 %*** fl-Italja, |

| | |
|---|---|
| ***hekk*** fl-Italja, Spanja, il-Kroazja u l-Greċja; | Spanja, il-Kroazja u l-Greċja; ***billi l-livelli allarmanti milħuqa fuq kollox mir-rati tal-qgħad taż-żgħażagħ li la huma impjegati u lanqas irreġistrati f'korsijiet ta' tagħlim jew taħriġ (NEET);*** |

Or. it

**Emenda 10**
**Jeroen Lenaers, Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika kienet il-kawża għaż-żieda fir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ minn 15 % fl-2008 sakemm laħqet il-quċċata tagħha ta' 24 % fil-bidu tal-2013, u billi din ir-rata medja tgħatti d-diverġenzi enormi fost l-Istati Membri u r-reġjuni; billi r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-2013 baqgħu qrib l-10 % fil-Ġermanja, l-Awstrija u n-Netherlands filwaqt li laħqu l-quċċata tagħhom qrib l-40 %, jew sew aktar minn hekk fl-Italja, Spanja, il-Kroazja u l-Greċja; | A. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika kienet il-kawża għaż-żieda fir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ minn 15 % fl-2008 sakemm laħqet il-quċċata tagħha ta' 24 % fil-bidu tal-2013, u billi din ir-rata medja tgħatti d-diverġenzi enormi fost l-Istati Membri u r-reġjuni; billi r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-2013 baqgħu qrib l-10 % fil-Ġermanja, l-Awstrija u n-Netherlands filwaqt li laħqu l-quċċata tagħhom qrib l-40 %, jew sew aktar minn hekk fl-Italja, Spanja, il-Kroazja u l-Greċja; ***billi fuq medda twila ta' żmien eżodu ta' mħuħ ta' persuni b'edukazzjoni għolja mill-aħħar pajjiżi msemmija tista' taffettwa l-iżvilupp ekonomiku tagħhom;*** |

Or. nl

**Emenda 11**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| A. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika ***kienet il-kawża*** għaż-żieda fir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ minn 15 % fl-2008 sakemm laħqet il-quċċata tagħha ta' 24 % fil-bidu tal-2013, u billi din ir-rata medja tgħatti d-diverġenzi enormi fost l-Istati Membri u r-reġjuni; billi r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-2013 baqgħu qrib l-10 % fil-Ġermanja, l-Awstrija u n-Netherlands filwaqt li laħqu l-quċċata tagħhom qrib l-40 %, jew sew aktar minn hekk fl-Italja, Spanja, il-Kroazja u l-Greċja; | A. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika ***u l-miżuri ta' awsterità sussegwenti tagħha kienu l-kawża*** għaż-żieda fir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ minn 15 % fl-2008 sakemm laħqet il-quċċata tagħha ta' 24 % fil-bidu tal-2013, u billi din ir-rata medja tgħatti d-diverġenzi enormi fost l-Istati Membri u r-reġjuni; billi r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-2013 baqgħu qrib l-10 % fil-Ġermanja, l-Awstrija u n-Netherlands filwaqt li laħqu l-quċċata tagħhom qrib l-40 %, jew sew aktar minn hekk fl-Italja, Spanja, il-Kroazja u l-Greċja; |

Or. en

**Emenda 12**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika kienet il-kawża għaż-żieda fir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ minn 15 % fl-2008 sakemm laħqet il-quċċata tagħha ta' 24 % fil-bidu tal-2013, u billi din ir-rata medja tgħatti d-diverġenzi enormi fost l-Istati Membri u r-reġjuni; billi r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-2013 baqgħu qrib l-10 % fil-Ġermanja, l-Awstrija u n-Netherlands filwaqt li laħqu l-quċċata tagħhom qrib ***l-40 %***, jew sew aktar minn hekk fl-Italja, Spanja, il-Kroazja u l-Greċja; | A. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika kienet il-kawża għaż-żieda fir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ minn 15 % fl-2008 sakemm laħqet il-quċċata tagħha ta' 24 % fil-bidu tal-2013, u billi din ir-rata medja tgħatti d-diverġenzi enormi fost l-Istati Membri u r-reġjuni; billi r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-2013 baqgħu qrib l-10 % fil-Ġermanja, l-Awstrija u n-Netherlands filwaqt li laħqu l-quċċata tagħhom qrib ***il-50 %***, jew sew aktar minn hekk fl-Italja, Spanja, il-Kroazja u l-Greċja; |

Or. es

**Emenda 13**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi reviżjoni tal-effettività tal-istrument finanzjarju u tal-inizjattiva hija meħtieġa biss wara li titlesta ħidma ta' tħejjija xierqa u, f'konformità mal-kompetenzi eżistenti tal-Istati Membri, il-miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri kkonċernati, peress li ftit Stati Membri biss (l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, in-Netherlands, Malta, l-Ungerija u l-Ġermanja) għandhom indikatur taħt il-11 % filwaqt li l-medja tal-UE (UE28) hija ta' madwar 17 %;*** |

Or. hu

**Emenda 14**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-miżuri tal-kriżi maħsuba biex jitnaqqas l-infiq pubbliku fil-pajjiżi fi kriżi diġà ħallew impatt negattiv dirett, b'mod partikolari fuq iż-żgħażagħ minħabba tnaqqis fl-edukazzjoni , fit-taħriġ, fil-ħolqien tal-impjiegi u fis-servizzi ta' appoġġ;*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi l-politiki li qed jaffettwaw liż-żgħażagħ ġew żviluppati mingħajr l-involviment tal-ikkonċernati u r-rappreżentanti tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Jeroen Lenaers, Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi perijodi twal ta' qgħad fost iż-żgħażagħ jistgħu jwasslu biex iż-żgħażagħ iħossuhom iżolati mis-soċjetà u ***jitilfu s-sens*** ta' ***appartenenza***, ***u jistgħu jikkawżaw "marki dejjiema",*** li ***jfisser li hemm*** probabbiltà ogħla li ***jerġgħu*** jisfaw qiegħda ***mill-ġdid***, li ***jħabbtu wiċċhom ma' dħul u prospetti tal-karriera aktar baxxi*** tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom; billi t-twarrib fil-ġenb taż-żgħażagħ jirrappreżenta telf enormi ***ta' investiment pubbliku u privat***, meta jitqies il-kapital uman mhux użat ***u indebolit li jġib miegħu***; | B. billi perijodi twal ta' qgħad fost iż-żgħażagħ jistgħu jwasslu biex iż-żgħażagħ iħossuhom iżolati mis-soċjetà u ***jkollhom effett*** ta' ***stigmatizzazzjoni***, li ***jista' jwassal għal*** probabbiltà ogħla li ***sussegwentement*** jisfaw qiegħda ***tul il-karrieri tagħhom***, ***u jista' jfisser*** li ***l-prospetti tal-karriera tagħhom jistgħu jiġu mxekkla u l-pagi tagħhom jitnaqqsu*** tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom; billi t-twarrib fil-ġenb taż-żgħażagħ jirrappreżenta telf enormi, meta jitqies il-kapital uman mhux użat; |

Or. nl

**Emenda 17**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi ***perijodi twal*** ta' ***qgħad*** fost iż-żgħażagħ ***jistgħu jwasslu biex iż-żgħażagħ iħossuhom iżolati mis-soċjetà u jitilfu s-*** | B. billi ***l-qgħad fost iż-żgħażagħ għal żmien twil joħloq sens*** ta' ***frustrazzjoni u abbandun*** fost iż-żgħażagħ ***u jista'*** |

| | |
|---|---|
| ***sens ta' appartenenza, u jistgħu jikkawżaw*** "marki dejjiema"***, li jfisser li hemm probabbiltà ogħla li jerġgħu jisfaw qiegħda mill-ġdid***, li jħabbtu wiċċhom ma' dħul u prospetti tal-karriera aktar baxxi tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom; billi t-twarrib fil-ġenb taż-żgħażagħ jirrappreżenta telf enormi ta' investiment pubbliku u privat***, meta jitqies il-kapital uman mhux użat u indebolit li jġib miegħu***; | ***jiġġenera*** "marki dejjiema" ***fl-istruttura tax-xogħol li jipproduċu żbilanċi interġenerazzjonali***, ***żieda fil-prekarjat tax-xogħol***, ***u*** li jħabbtu wiċċhom ma' dħul u prospetti tal-karriera aktar baxxi tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom; billi t-twarrib fil-ġenb taż-żgħażagħ jirrappreżenta telf enormi ta' investiment pubbliku u privat ***u jpoġġi f'riskju ż-żamma tal-Istat soċjali fuq medda ta' żmien twil***; |

Or. es

**Emenda 18**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi perijodi twal ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ***jistgħu jwasslu biex iż-żgħażagħ iħossuhom iżolati*** mis-soċjetà u jitilfu s-sens ta' appartenenza, u jistgħu jikkawżaw "marki dejjiema", li jfisser li hemm probabbiltà ogħla li jerġgħu jisfaw qiegħda mill-ġdid, li jħabbtu wiċċhom ma' dħul u prospetti tal-karriera ***aktar baxxi*** tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom; billi t-twarrib fil-ġenb taż-żgħażagħ jirrappreżenta telf enormi ta' investiment pubbliku u privat, meta jitqies il-kapital uman mhux użat u indebolit li jġib miegħu; | B. billi perijodi twal ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ***għandhom ir-riskju li jimmarġinalizzaw u jeskludu liż-żgħażagħ*** mis-soċjetà u ***li*** jitilfu s-sens ta' appartenenza, u jistgħu jikkawżaw "marki dejjiema", li jfisser li hemm ***effett fit-tul fuq is-saħħa mentali u fiżika tagħhom u fuq il-benesseri tagħhom u*** probabbiltà ogħla li jerġgħu jisfaw qiegħda mill-ġdid, li jħabbtu wiċċhom ***mal-faqar, mal-esklużjoni soċjali,*** ma' dħul u prospetti tal-karriera ***agħar*** tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom; billi t-twarrib fil-ġenb taż-żgħażagħ jirrappreżenta telf enormi ta' ***introjtu, talent/potenzjal u protezzjoni soċjali kif ukoll*** investiment pubbliku u privat, meta jitqies il-kapital uman mhux użat u indebolit li jġib miegħu; |

Or. en

**Emenda 19**

**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi perijodi twal ta' qgħad fost iż-żgħażagħ jistgħu jwasslu biex iż-żgħażagħ iħossuhom iżolati mis-soċjetà u jitilfu s-sens ta' appartenenza, u jistgħu jikkawżaw "marki dejjiema", li jfisser li hemm probabbiltà ogħla li jerġgħu jisfaw qiegħda mill-ġdid, li jħabbtu wiċċhom ma' dħul u prospetti tal-karriera aktar baxxi tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom; billi t-twarrib fil-ġenb taż-żgħażagħ jirrappreżenta telf enormi ta' investiment pubbliku u privat, meta jitqies il-kapital uman mhux użat u indebolit li jġib miegħu; | B. billi perijodi twal ta' qgħad fost iż-żgħażagħ jistgħu jwasslu biex iż-żgħażagħ iħossuhom iżolati mis-soċjetà u jitilfu s-sens ta' appartenenza, u jistgħu jikkawżaw "marki dejjiema", ***kif ukoll tnaqqis tal-ħiliet,*** li jfisser li hemm probabbiltà ogħla li jerġgħu jisfaw qiegħda mill-ġdid, li jħabbtu wiċċhom ma' dħul u prospetti tal-karriera aktar baxxi tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom; billi t-twarrib fil-ġenb taż-żgħażagħ jirrappreżenta telf enormi ta' investiment pubbliku u privat, meta jitqies il-kapital uman mhux użat u indebolit li jġib miegħu; |

Or. en

**Emenda 20**
**Claude Rolin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi perijodi twal ta' qgħad fost iż-żgħażagħ jistgħu jwasslu biex iż-żgħażagħ iħossuhom iżolati mis-soċjetà u jitilfu s-sens ta' appartenenza, u jistgħu jikkawżaw "marki dejjiema", li jfisser li hemm probabbiltà ogħla li jerġgħu jisfaw qiegħda mill-ġdid, li jħabbtu wiċċhom ma' dħul u prospetti tal-karriera aktar baxxi tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom; billi t-twarrib fil-ġenb taż-żgħażagħ jirrappreżenta telf enormi ta' investiment pubbliku u privat, meta ***jitqies il-kapital uman*** mhux ***użat u indebolit*** li jġib miegħu; | B. billi perijodi twal ta' qgħad fost iż-żgħażagħ jistgħu jwasslu biex iż-żgħażagħ iħossuhom iżolati mis-soċjetà u jitilfu s-sens ta' appartenenza, u jistgħu jikkawżaw "marki dejjiema", li jfisser li hemm probabbiltà ogħla li jerġgħu jisfaw qiegħda mill-ġdid, li jħabbtu wiċċhom ma' dħul u prospetti tal-karriera aktar baxxi tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom; billi t-twarrib fil-ġenb taż-żgħażagħ jirrappreżenta telf enormi ta' investiment pubbliku u privat, meta ***jitqiesu l-kompetenzi tagħhom*** mhux ***użati u indeboliti*** li jġib miegħu; |

Or. fr

**Emenda 21**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi, fl-2012, wieħed minn kull tliet impjegati Ewropej kienu jew kwalifikati żżejjed jew mhux kwalifikati biżżejjed għax-xogħlijiet tagħhom[1a]; u billi l-impjegati żgħażagħ huma tipikament aktar probabbli li jkunu formalment kwalifikati żżejjed, filwaqt li huwa wkoll aktar probabbli li jaħdmu f'xogħlijiet inqas imqabbla mal-ħiliet tagħhom minn ħaddiema aktar imdaħħla fiż-żmien;*** |
| | ***[1a] Kummissjoni Ewropea (2013), L-Iżviluppi fl-Impjieg u fis-Sitwazzjoni Soċjali fl-Ewropa*** |

Or. en

**Emenda 22**
**Laura Agea, Marco Valli, Tiziana Beghin, Rosa D'Amato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-mobilità hija valur miżjud biss fuq bażi volontarja u mhux meta ddettata min-nuqqas ta' opportunitajiet professjonali f'pajjiżhom stess;*** |

Or. it

**Emenda 23**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bb. billi l-ħaddiema żgħażagħ huma f'riskju ogħla li jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' impjieg prekarju; billi l-possibbiltajiet li wieħed ikun f'pożizzjoni b'ħafna żvantaġġi huma darbtejn ogħla għal ħaddiema ta' inqas minn 25 sena meta mqabbla ma' ħaddiema ta' 50 sena jew aktar[1b];*** |
| | ***[1b] Eurofound (2014), "Occupational profiles in working conditions: Identification of groups with multiple disadvantages" (Profili okkupazzjonali f'kundizzjonijiet tax-xogħol: Identifikazzjoni ta' gruppi b'ħafna żvantaġġi)*** |

Or. en

**Emenda 24**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi meta jiksbu l-ewwel impjieg ***reali***, iż-żgħażagħ jiksbu sens ta' emanċipazzjoni, u ***jgħinhom*** isiru ċittadini indipendenti***,*** kunfidenti fihom infushom, u ***jagħtu bidu tajjeb lill-ħajja***; | C. billi ***tranżizzjoni ta' suċċess mill-iskola għax-xogħol u mill-inattività għax-xogħol u*** meta jiksbu l-ewwel impjieg ***ta' kwalità li jaqbel mal-kapaċitajiet u l-interessi tagħhom***, iż-żgħażagħ jiksbu sens ta' emanċipazzjoni, u ***tgħinuhom jiżviluppaw il-ħiliet personali u*** |

| | |
|---|---|
| | ***professjonali tagħhom biex*** isiru ċittadini indipendenti ***u*** kunfidenti fihom infushom, ***filwaqt li jiżguraw is-sigurtà ekonomika*** u ***l-protezzjoni soċjali tagħhom***; |

Or. en

**Emenda 25**
**Jeroen Lenaers, Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi meta jiksbu l-ewwel impjieg reali, ***iż-żgħażagħ jiksbu sens ta' emanċipazzjoni,*** u jgħinhom ***isiru ċittadini indipendenti, kunfidenti fihom infushom, u*** jagħtu bidu tajjeb ***lill-ħajja***; | C. billi meta jiksbu l-ewwel impjieg reali ***jikkontribwixxi kemm għall-iżvilupp professjonali kif ukoll għal dak personali taż-żgħażagħ***, u ***dan*** jgħinhom jagħtu bidu tajjeb ***lill-karrieri tagħhom***; |

Or. nl

**Emenda 26**
**Claude Rolin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi meta jiksbu l-ewwel impjieg reali, iż-żgħażagħ jiksbu sens ta' emanċipazzjoni, u jgħinhom isiru ċittadini ***indipendenti***, kunfidenti fihom infushom, u jagħtu bidu tajjeb lill-ħajja; | C. billi meta jiksbu l-ewwel impjieg reali, iż-żgħażagħ jiksbu sens ta' emanċipazzjoni, u jgħinhom isiru ċittadini ***sħaħ***, kunfidenti fihom infushom, u jagħtu bidu tajjeb lill-ħajja; |

Or. fr

**Emenda 27**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi meta jiksbu l-ewwel impjieg reali, iż-żgħażagħ jiksbu sens ta' emanċipazzjoni, u jgħinhom isiru ċittadini indipendenti, kunfidenti fihom infushom, u jagħtu bidu tajjeb lill-ħajja; | C. billi meta jiksbu l-ewwel impjieg reali ***minflok ma jipprolongaw iżżejjed id-dħul fis-suq tax-xogħol permezz ta' apprendistati**, **boroż ta' studju u qgħad,*** iż-żgħażagħ jiksbu sens ta' emanċipazzjoni, u jgħinhom isiru ċittadini indipendenti, kunfidenti fihom infushom, u jagħtu bidu tajjeb lill-ħajja ***tax-xogħol tagħhom***; |

Or. es

**Emenda 28**
**Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi meta jiksbu l-ewwel impjieg reali, iż-żgħażagħ jiksbu sens ta' emanċipazzjoni, u jgħinhom isiru ċittadini indipendenti, kunfidenti fihom infushom, u jagħtu bidu tajjeb lill-ħajja; | C. billi meta jiksbu l-ewwel impjieg reali, iż-żgħażagħ jiksbu sens ta' emanċipazzjoni ***u jsiru motivati***, u jgħinhom isiru ċittadini indipendenti, kunfidenti fihom infushom, u jagħtu bidu tajjeb lill-ħajja; |

Or. en

**Emenda 29**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi hekk kif tgħid il-Kummissjoni, il-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa tabilħaqq "ħela tal-kapital uman" bi prezz għoli ekonomiku.[1] u li l-Istati Membri*** |



MT

| | |
|---|---|
| | ***għandhom iġeddu l-isforzi tagħhom biex jiġġildulu;*** |
| | ***[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Settembru 2007, "Nippromwovu s-sehem sħiħ taż-Żgħażagħ fl-edukazzjoni, l-impjieg u s-soċjetà" COM (2007)498 P.5*** |

Or. es

**Emenda 30**
**Jeroen Lenaers, Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***D. billi, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %;*** | ***imħassar*** |

Or. nl

**Emenda 31**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %; | D. billi, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %; ***billi dawn in-numri ma jagħtux informazzjoni dwar l-istat ta' impjieg attwali ta' dawk li nqatgħu mill-istatistika dwar l-impjiegi fost iż-żgħażagħ peress li laħqu l-età massima biex jitqiesu*** |

| | |
|---|---|
| | ***żgħażagħ;*** |

Or. en

**Emenda 32**
**Robert Rochefort**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %; | D. billi, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %***, iżda tibqa' f'livelli għoljin b'mod inaċċettabbli f'ċerti pajjiżi, b'mod partikolari fil-Greċja (45.5 %), fi Spanja (39.2 %) u fl-Italja (35.4 %)***; |

Or. fr

**Emenda 33**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %; | D. billi, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %; ***billi għad fadal diskrepanzi serji bejn l-Istati Membri;*** |

Or. es

**Emenda 34**
**Laura Agea, Marco Valli, Tiziana Beghin, Rosa D'Amato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi***, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata*** tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %; | D. billi ***r-rata*** tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %; |

Or. it

**Emenda 35**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %; | D. billi, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 % ***iżda għadha wisq għolja***; |

Or. en

**Emenda 36**
**Claude Rolin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %; | D. billi, wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 24 % fl-2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE-28 baqgħet tonqos b'mod stabbli, u fl-2017 niżlet taħt is-17 %***, u dan jibqa' inaċċettabbli***; |

Or. fr

**Emenda 37**
**Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Da (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi, analiżi tat-tqassim skont is-sess tax-xogħol full-time u part-time fl-Ewropa tiżvela li d-disparità bejn is-sessi baqgħet tippersisti bejn l-2007 u l-2017, fejn l-irġiel ikomplu jiffurmaw madwar 60 % tal-persuni bejn il-15-il sena u l-24 sena b'impjieg full-time, filwaqt li b'mod konsistenti jiffurmaw madwar 40 % tal-istess grupp ta' età b'impjieg part-time;*** |

Or. en

**Emenda 38**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***E. billi, bħala valur statistiku, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ hija ġeneralment madwar id-doppju tal-medja tar-rata ġenerali tal-qgħad, kemm matul perjodi ta' tkabbir ekonomiku kif ukoll waqt ir-reċessjonijiet;*** | ***imħassar*** |

Or. es

**Emenda 39**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi, bħala valur statistiku, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ hija ġeneralment madwar id-doppju tal-medja tar-rata ġenerali tal-qgħad, kemm matul perjodi ta' tkabbir ekonomiku kif ukoll waqt ir-reċessjonijiet; | E. billi, bħala valur statistiku, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ***sfortunatament*** hija ġeneralment madwar id-doppju tal-medja tar-rata ġenerali tal-qgħad, kemm matul perjodi ta' tkabbir ekonomiku kif ukoll waqt ir-reċessjonijiet; |

Or. en

**Emenda 40**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi ħafna żgħażagħ iħossuhom iżolati mill-ħajja ekonomika, soċjali u demokratika; billi s-sitwazzjoni u l-perspettivi taż-żgħażagħ mhumiex kompatibbli mal-prijorità li tingħata spinta lix-xogħol, it-tkabbir u l-investiment; billi l-kriżi ekonomika kompliet tiggrava ċerti tendenzi li diġà kellhom għeruq fis-swieq tax-xogħol;*** |

Or. es

**Emenda 41**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi fit-22 ta' April 2013, il-Kunsill, permezz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill, stabbilixxa l-iskema tal-"Garanzija għaż- | F. billi fit-22 ta' April 2013, il-Kunsill, permezz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill, stabbilixxa l-iskema tal-"Garanzija għaż- |

| | |
|---|---|
| Żgħażagħ", li biha l-Istati Membri impenjaw ruħhom li joffru liż-żgħażagħ offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship fi żmien perjodu ta' 4 xhur minn meta jsiru qiegħda jew iħallu l-edukazzjoni formali; | Żgħażagħ", li biha l-Istati Membri impenjaw ruħhom li joffru liż-żgħażagħ ***kollha ta' taħt il-25 sena*** offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship***, jew għotja għal negozju ġdid*** fi żmien perjodu ta' 4 xhur minn meta jsiru qiegħda jew iħallu l-edukazzjoni formali***, u billi l-għan qiegħed ukoll għall-Istati Membri li sejrin tajjeb biex jiġġieldu l-qgħad fost iż-żgħażagħ, b'tali mod li l-metolodoloġija użata s'issa trid tiġi riveduta sabiex jiġi żgurat li, fejn il-Garanzija għaż-Żgħażagħ tkun ġiet introdotta iżda ma rnexxilhiex tnaqqas b'mod sinifikanti l-qgħad fost iż-żgħażagħ, ma tiġix segwita aktar, filwaqt li dawk l-Istati Membri li użawha b'suċċess u b'mod drammatiku biex inaqqsu n-numru ta' żgħażagħ li jfittxu xogħol jenħtieġ li ma jinżammux milli jkomplu jagħmlu dan***; |

Or. hu

**Emenda 42**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi, peress li ħafna Stati Membri ma kellhomx suċċess kbir bir-regolamenti u bl-opportunitajiet li s'issa kien hemm disponibbli fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ, dawn jenħtieġ li jiffukaw aktar fuq l-isfruttament effettiv tal-finanzjament u tal-għodod disponibbli taħt il-Fond Soċjali Ewropew;*** |

Or. hu

**Emenda 43**

**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi, fi Frar 2013 ***il-Kunsill qabel li joħloq*** l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ***, li tnediet*** bħala l-istrument baġitarju prinċipali tal-UE – marbut mal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) – biex jgħin lir-reġjuni tal-Istati Membri li jesperjenzaw livelli partikolarment għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari billi jiġu introdotti l-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; | G. billi, fi Frar 2013 l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ***inħolqot*** bħala l-istrument baġitarju prinċipali tal-UE ***għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ*** – marbut mal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) – biex jgħin lir-reġjuni tal-Istati Membri li jesperjenzaw livelli partikolarment għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari billi jiġu introdotti l-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; |

Or. en

**Emenda 44**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija impenn għall-UE kollha, filwaqt li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ hija mmirata ***biss għal dawk l-Istati*** Membri ***u r-reġjuni fejn ir-rati tal-qgħad*** fost iż-żgħażagħ ***huma partikolarment ħżiena***, u li għaliha huma ***parzjalment jew totalment*** eliġibbli total ta' 20 Stat Membru; | H. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija impenn għall-UE kollha, filwaqt li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ hija mmirata ***għall-Istati*** Membri ***b'reġjuni ta' qgħad*** fost iż-żgħażagħ ***ta' 25 % jew aktar***, u li għaliha huma eliġibbli total ta' 20 Stat Membru; |

Or. en

**Emenda 45**

**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija impenn għall-UE kollha, filwaqt li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ hija mmirata biss għal dawk l-Istati Membri u r-reġjuni fejn ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ***huma partikolarment ħżiena***, u li għaliha huma parzjalment jew totalment eliġibbli total ta' 20 Stat Membru; | H. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija impenn għall-UE kollha, filwaqt li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ hija mmirata biss għal dawk l-Istati Membri u r-reġjuni fejn ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ***jaqbżu l-25 %***, u li għaliha huma parzjalment jew totalment eliġibbli total ta' 20 Stat Membru; |

Or. en

**Emenda 46**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi ġiet segwita mobilitazzjoni rapida tal-fondi permezz ta' forniment antiċipat tal-baġit tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ għall-2014 u l-2015; | I. billi ġiet segwita mobilitazzjoni rapida tal-fondi permezz ta' forniment antiċipat tal-baġit tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ għall-2014 u l-2015 ***sabiex jiżdied kemm jista' jkun l-impatt tal-miżuri ffinanzjati mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ***; ***billi l-frontloading waħdu bħala miżura naqas milli jħaffef il-programmi b'mod effettiv, peress li numru ta' Stati Membri qajmu tħassib dwar l-inabbiltà tagħhom li jiffinanzjaw il-programmi;*** |

Or. en

**Emenda 47**
**Laura Agea, Marco Valli, Tiziana Beghin, Rosa D'Amato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi ġiet segwita mobilitazzjoni rapida tal-fondi permezz ta' forniment antiċipat tal-baġit tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ għall-2014 u l-2015; | I. billi ġiet segwita mobilitazzjoni rapida tal-fondi permezz ta' forniment antiċipat tal-baġit tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ għall-2014 u l-2015***, deċiżjoni li ttieħdet tard peress li l-kriżi kienet diġà bdiet fl-2008 u kellhom jiġu antiċipati l-effetti tagħha***; |

Or. it

**Emenda 48**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ia (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. billi minħabba dewmien fl-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali primarjament ikkawżat minn limitazzjonijiet baġitarji affaċċjati mill-Istati Membri, kif ukoll in-nuqqas ta' finanzjament disponibbli fl-istadju inizjali tal-perjodu ta' programmazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, il-prefinanzjament inizjali li tħallas għall-programmi operazzjonali li jimplimentaw l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ żdied minn 1 % għal 30 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni bl-emendar tar-Regolament dwar il-FSE; billi, sabiex tiġi stimulata implimentazzjoni rapida, l-Istati Membri ġew mitluba jissottomettu l-applikazzjonijiet ta' dividend interim li fihom il-kontribuzzjoni tal-Unjoni mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ*** |

| | |
|---|---|
| | ***kienet mill-inqas 50 % tal-prefinanzjament addizzjonali rċevut sat-23 ta' Mejju 2016; billi l-maġġoranza tal-Istati Membri rnexxielhom jissottomettu tali applikazzjonijiet għall-pagamenti fil-ħin, filwaqt li 8 Stati Membri biss ġew mitluba jagħtu lura l-prefinanzjament miksub;*** |

Or. en

**Emenda 49**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| J. billi ambizzjoni prinċipali tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija li tilħaq lil dawk iż-żgħażagħ Barra mill-Edukazzjoni, Impjieg jew Taħriġ (NEETs), ***anki jekk ma jkunux qed ifittxu xogħol b'mod attiv***; | J. billi ambizzjoni prinċipali tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija li tilħaq lil dawk iż-żgħażagħ Barra mill-Edukazzjoni, Impjieg jew Taħriġ (NEETs), ***li jinsabu fl-ogħla riskju ta' esklużjoni, filwaqt li jitqies li t-terminu "NEETs" ikopri diversi sottogruppi ta' żgħażagħ bi bżonnijiet differenti***; |

Or. en

**Emenda 50**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| J. billi ambizzjoni prinċipali tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija li tilħaq lil dawk iż-żgħażagħ Barra mill- | J. billi ambizzjoni prinċipali tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija li tilħaq lil dawk iż-żgħażagħ Barra mill- |

| | |
|---|---|
| Edukazzjoni, Impjieg jew Taħriġ (NEETs), anki jekk ma jkunux qed ifittxu xogħol b'mod attiv; | Edukazzjoni, Impjieg jew Taħriġ (NEETs), anki jekk ma jkunux qed ifittxu xogħol b'mod attiv ***u f'dan ir-rigward l-Istati Membri jeħtiġilhom jistabbilixxu strateġiji xierqa ta' sensibilizzazzjoni***; |

Or. en

**Emenda 51**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| K. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija maħsuba biex tikseb ***l-integrazzjoni sostenibbli tan-NEETs*** fis-suq tax-xogħol billi toffri ***approċċ individwalizzat***, li ***twassal għal*** offerta ta' kwalità ***tajba u ttejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ, filwaqt li*** f'kuntest usa' tgħin biex ***tindirizza in-nuqqas*** ta' tqabbil tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol ***(reġjonali)***; | K. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija maħsuba biex tikseb ***l-inklużjoni dejjiema taż-żgħażagħ u n-NEETs*** fis-suq tax-xogħol billi toffri ***sensiela ta' għodod li jtejbu l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ***, li ***jirċievu*** offerta ta' ***xogħol ta'*** kwalità***; u*** f'kuntest usa' tgħin biex ***tikkoreġi d-diskrepanzi bejn l-offerta u d-domanda fis-suq tax-xogħol u n-nuqqas*** ta' tqabbil tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol; |

Or. es

**Emenda 52**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| K. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ ***hija maħsuba biex*** tikseb l-integrazzjoni sostenibbli tan-NEETs fis-suq tax-xogħol billi toffri approċċ individwalizzat, li twassal għal offerta ta' kwalità tajba u ***ttejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ,*** | K. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ ***għandha l-għan li*** tikseb l-integrazzjoni sostenibbli tan-NEETs fis-suq tax-xogħol billi toffri approċċ individwalizzat, li twassal għal offerta ta' kwalità tajba ***li ttejjeb l-iżvilupp personali*** u ***ekonomiku*** |

| | |
|---|---|
| ***filwaqt li f'kuntest usa' tgħin biex tindirizza in-nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol (reġjonali)***; | ***tagħhom u toħloq opportunitajiet li japprofondixxu u jtejbu l-ħiliet tagħhom***; |

Or. en

**Emenda 53**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| K. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija maħsuba biex tikseb l-integrazzjoni sostenibbli tan-NEETs fis-suq tax-xogħol billi toffri approċċ individwalizzat, li twassal għal offerta ta' kwalità tajba u ttejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ, filwaqt li f'kuntest usa' ***tgħin biex*** tindirizza n-nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol ***(reġjonali)***; | K. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija maħsuba biex tikseb l-integrazzjoni sostenibbli tan-NEETs fis-suq tax-xogħol billi toffri approċċ individwalizzat, li twassal għal offerta ta' kwalità tajba u ttejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ, filwaqt li f'kuntest usa' ***tappoġġja ż-żgħażagħ fit-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol u*** tindirizza n-nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol; |

Or. en

**Emenda 54**
**Laura Agea, Marco Valli, Tiziana Beghin, Rosa D'Amato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| K. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija maħsuba biex tikseb l-integrazzjoni sostenibbli tan-NEETs fis-suq tax-xogħol billi toffri approċċ individwalizzat, li twassal għal offerta ta' kwalità tajba u ttejjeb ***l-impjegabbiltà*** taż-żgħażagħ, filwaqt li f'kuntest usa' tgħin biex tindirizza in-nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet fis-suq tax- | K. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija maħsuba biex tikseb l-integrazzjoni sostenibbli tan-NEETs fis-suq tax-xogħol billi toffri approċċ individwalizzat, li twassal għal offerta ta' kwalità tajba u ttejjeb ***l-impjiegi*** taż-żgħażagħ, filwaqt li f'kuntest usa' tgħin biex tindirizza in-nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet fis-suq tax- |

| | |
|---|---|
| xogħol (reġjonali); | xogħol (reġjonali); |

Or. it

**Emenda 55**
**Jeroen Lenaers, Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| K. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija maħsuba biex tikseb l-integrazzjoni sostenibbli tan-NEETs fis-suq tax-xogħol billi toffri approċċ individwalizzat, li twassal għal offerta ta' kwalità tajba u ttejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ, filwaqt li f'kuntest usa' tgħin biex tindirizza in-nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol (reġjonali); | K. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija maħsuba biex tikseb l-integrazzjoni sostenibbli tan-NEETs fis-suq tax-xogħol billi toffri approċċ individwalizzat, li twassal għal offerta ta' kwalità tajba u ttejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ, filwaqt li f'kuntest usa' tgħin biex tindirizza in-nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol (reġjonali ***u transkonfinali***); |

Or. nl

**Emenda 56**
**Laura Agea, Marco Valli, Tiziana Beghin, Rosa D'Amato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa L**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L. billi fl-2015, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) stmat l-ispiża tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fit-28 pajjiż tal-UE għal EUR 45 biljun; billi l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ngħatat baġit modest ta' EUR 6,4 biljun, bil-għan li tikkomplementa l-finanzjament nazzjonali u mhux li teħodlu postu***;*** | L. billi fl-2015, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) stmat l-ispiża tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fit-28 pajjiż tal-UE għal EUR 45 biljun; billi l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ngħatat baġit modest ta' EUR 6,4 biljun, bil-għan li tikkomplementa l-finanzjament nazzjonali u mhux li teħodlu postu***, riżorsi li xorta waħda jridu jintużaw b'mod effettiv u mmirat sabiex jottimizzaw ir-riżultati li*** |

| | |
|---|---|
| | ***għalihom huma allokati;*** |

Or. it

**Emenda 57**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa L**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L. billi fl-2015, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) stmat l-ispiża tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fit-28 pajjiż tal-UE għal EUR 45 biljun; billi l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ngħatat baġit modest ta' EUR 6,4 biljun, bil-għan li tikkomplementa l-finanzjament nazzjonali ***u mhux li teħodlu postu;*** | L. billi fl-2015, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) stmat l-ispiża tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fit-28 pajjiż tal-UE għal EUR 45 biljun; billi l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ngħatat baġit modest ta' EUR 6,4 biljun, bil-għan li tikkomplementa l-finanzjament nazzjonali***;*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa L**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L. billi fl-2015, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) stmat l-ispiża tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fit-28 pajjiż tal-UE għal EUR 45 biljun; billi l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ngħatat baġit ***modest*** ta' EUR 6,4 biljun, bil-għan li tikkomplementa l-finanzjament nazzjonali u mhux li teħodlu postu***;*** | L. billi fl-2015, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) stmat l-ispiża tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fit-28 pajjiż tal-UE għal EUR 45 biljun; billi l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ngħatat baġit ta' EUR 6,4 biljun, bil-għan li tikkomplementa l-finanzjament nazzjonali u mhux li teħodlu postu***;*** |

Or. en

**Emenda 59**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa La (ġdid)**

| 3. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ***tkun xprun għar-riforma politika b'mod partikolari, u*** għal koordinazzjoni aħjar fl-oqsma tal-impjiegi u l-edukazzjoni, speċjalment f'dawk l-Istati Membri li qed jesperjenzaw rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, bl-għan li jiġi żgurat li dawk l-Istati Membri jintroduċu approċċi integrati, komprensivi u fit-tul biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ li jsaħħu l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ u jwasslu għal impjiegi sostenibbli, għall-kuntrarju ta' sensiela ta' politiki (eżistenti) frammentati, li ħafna drabi huma mmirati għan-NEETs, li xorta waħda huma relattivament faċli li jiġu integrati; | 3. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ***taħdem*** għal koordinazzjoni aħjar fl-oqsma tal-impjiegi u l-edukazzjoni, ***filwaqt li tqis li l-edukazzjoni m'għandhiex tkun soġġetta għall-interessi tas-suq,*** speċjalment f'dawk l-Istati Membri li qed jesperjenzaw rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, bl-għan li jiġi żgurat li dawk l-Istati Membri jintroduċu approċċi integrati, komprensivi u fit-tul biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ li jsaħħu l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ u jwasslu għal impjiegi sostenibbli, għall-kuntrarju ta' sensiela ta' politiki (eżistenti) frammentati, li ħafna drabi huma mmirati għan-NEETs, li xorta waħda huma relattivament faċli li jiġu integrati; |

Or. es

**Emenda 111**
**Joëlle Mélin, Mara Bizzotto, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ***tkun xprun għar-riforma*** politika b'mod partikolari, u ***għal*** koordinazzjoni aħjar fl-oqsma tal-impjiegi u l-edukazzjoni, speċjalment f'dawk l-Istati Membri li qed jesperjenzaw rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, bl-għan li jiġi żgurat li dawk l-Istati Membri jintroduċu approċċi integrati, komprensivi u fit-tul biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ li jsaħħu l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ u jwasslu għal impjiegi sostenibbli, għall-kuntrarju ta' sensiela ta' politiki (eżistenti) frammentati, li ħafna | 3. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ***tappoġġja r-riforma*** politika b'mod partikolari, u koordinazzjoni aħjar fl-oqsma tal-impjiegi u l-edukazzjoni, speċjalment f'dawk l-Istati Membri li qed jesperjenzaw rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, bl-għan li jiġi żgurat li dawk l-Istati Membri jintroduċu approċċi integrati, komprensivi u fit-tul biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ li jsaħħu l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ u jwasslu għal impjiegi sostenibbli, għall-kuntrarju ta' sensiela ta' politiki (eżistenti) frammentati, li ħafna drabi huma mmirati |

| | |
|---|---|
| drabi huma mmirati għan-NEETs, li ***xorta waħda*** huma ***relattivament faċli li*** jiġu integrati; | għan-NEETs, li huma ***diffiċli immens biex*** jiġu integrati***, u biex inaqqsu l-istatistiki tal-qgħad fl-Istati Membri***; |

Or. fr

**Emenda 112**
**Laura Agea, Marco Valli, Tiziana Beghin, Rosa D'Amato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tkun xprun għar-riforma politika b'mod partikolari, u għal koordinazzjoni aħjar fl-oqsma tal-impjiegi u l-edukazzjoni, speċjalment f'dawk l-Istati Membri li qed jesperjenzaw rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, bl-għan li jiġi żgurat li dawk l-Istati Membri jintroduċu approċċi integrati, komprensivi u fit-tul biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ li jsaħħu ***l-impjegabbiltà*** taż-żgħażagħ u jwasslu għal impjiegi sostenibbli, għall-kuntrarju ta' sensiela ta' politiki (eżistenti) frammentati, li ħafna drabi huma mmirati għan-NEETs***, li xorta waħda huma relattivament faċli li jiġu integrati***; | 3. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tkun xprun għar-riforma politika b'mod partikolari, u għal koordinazzjoni aħjar fl-oqsma tal-impjiegi u l-edukazzjoni, speċjalment f'dawk l-Istati Membri li qed jesperjenzaw rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, bl-għan li jiġi żgurat li dawk l-Istati Membri jintroduċu approċċi integrati, komprensivi u fit-tul biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ li jsaħħu ***l-impjiegi*** taż-żgħażagħ u jwasslu għal impjiegi sostenibbli, għall-kuntrarju ta' sensiela ta' politiki (eżistenti) frammentati, li ħafna drabi huma mmirati għan-NEETs; |

Or. it

**Emenda 113**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Ifakkar li skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ ser jiġu stabbiliti sitt direttivi li fuqhom għandhom ikunu bbażati s-sistemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ: l-adozzjoni ta' approċċi bbażati fuq l-assoċjazzjoni, l-intervent u l-azzjoni bikrija, mezzi ta' appoġġ għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-użu ta' fondi tal-Unjoni, valutazzjoni u titjib kontinwu tas-Sistemi, applikazzjoni tas-sistemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ[1]; jenfasizza li skont ir-rapporti ta' valutazzjoni kienu ftit dawk l-Istati Membri li taw data u valutazzjonijiet kompleti dwar dawn l-aspetti;***<br>***[1] ĠU UE ta' 26.4.2013 C120/1*** |

Or. es

**Emenda 114**
**Jeroen Lenaers, Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jenfasizza li jistgħu jsiru aktar investimenti kemm fil-mobilità domestika kif ukoll fil-mobilità transkonfinali sabiex titnaqqas ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ; isejjaħ biex id-domanda għal u l-forniment tax-xogħol u tal-ħiliet jkunu allinjati aħjar billi tiġi ffaċilitata l-mobilità bejn ir-reġjuni (inklużi r-reġjuni transkonfinali);*** |

Or. nl

**Emenda 115**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Ifakkar li l-indiċi għoli ta' qgħad fost iż-żgħażagħ huwa kkawżat minn: il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika globali fuq is-swieq tax-xogħol, it-tluq mill-iskola qabel il-waqt mingħajr kwalifiki biżżejjed, in-nuqqas ta' kapaċitajiet relevanti u n-nuqqas ta' esperjenza ta' xogħol, iż-żieda ta' forom ta' impjieg prekarju għal żmien qasir segwiti minn perjodi ta' qgħad, opportunitajiet ta' taħriġ limitati, u programmi attivi tas-suq tax-xogħol insuffiċjenti u inadegwati;*** |

Or. es

**Emenda 116**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3c. Jenfasizza, kif isostni r-rapport tal-QEA, li għalkemm l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ kienet imfassla biex timmobilizza fondi malajr għan-NEETs, l-interlokuturi soċjali, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, it-trejdjunjins u l-impjegaturi ma ġewx ikkonsultati biżżejjed minn qabel biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali;*** |

Or. es

**Emenda 117**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 4**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

4. Iqis li d-data u r-riżultati tal-monitoraġġ disponibbli attwalment mhumiex biżżejjed biex jiġu vvalutati ***kif xieraq*** l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ bħala l-vettura prinċipali ta' finanzjament tal-UE għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jinsab imħasseb, madankollu, dwar ir-riżultati fir-rapport riċenti tal-QEA, filwaqt li jqis ***il-l-kamp*** ta' applikazzjoni territorjali u temporali limitat tiegħu, dwar l-impatt tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ bħala politiki tal-Unjoni mmirati sabiex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ;

*Emenda*

4. Iqis li d-data u r-riżultati tal-monitoraġġ disponibbli attwalment mhumiex biżżejjed biex jiġu vvalutati ***globalment*** l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ bħala l-vettura prinċipali ta' finanzjament tal-UE għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jinsab imħasseb, madankollu, dwar ir-riżultati fir-rapport riċenti tal-QEA, filwaqt li jqis ***il-kamp*** ta' applikazzjoni territorjali u temporali limitat tiegħu, dwar l-impatt tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ bħala politiki tal-Unjoni mmirati sabiex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ;

Or. es

**Emenda 118**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

4. Iqis li d-data u r-riżultati tal-monitoraġġ disponibbli attwalment mhumiex biżżejjed biex jiġu vvalutati kif xieraq l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ bħala l-vettura prinċipali ta' finanzjament tal-UE għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jinsab imħasseb, madankollu, dwar ir-riżultati fir-rapport riċenti tal-QEA, filwaqt li jqis ***il-l-kamp*** ta' applikazzjoni territorjali u temporali limitat tiegħu, dwar l-impatt tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ bħala politiki tal-Unjoni mmirati sabiex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ;

*Emenda*

4. Iqis li d-data u r-riżultati tal-monitoraġġ disponibbli attwalment mhumiex biżżejjed biex jiġu vvalutati kif xieraq l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ bħala l-vettura prinċipali ta' finanzjament tal-UE għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ***, b'mod partikolari minħabba d-dewmien fil-bidu fl-istabbiliment ta' programmi operazzjonali mill-Istati Membri u l-istadju li għadu relattivament bikri mit-tnedija tagħha***; jinsab imħasseb, madankollu, dwar ir-riżultati fir-rapport riċenti tal-QEA, filwaqt li jqis ***li l-kamp*** ta' applikazzjoni territorjali u temporali limitat

| | |
|---|---|
| | tiegħu, dwar l-impatt tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ bħala politiki tal-Unjoni mmirati sabiex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ; ***jinsisti fuq il-ħtieġa li l-impjieg fost iż-żgħażagħ jinżamm bħala prijorità fl-azzjoni tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 119**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Iqis li d-data u r-riżultati tal-monitoraġġ disponibbli attwalment mhumiex biżżejjed biex jiġu vvalutati kif xieraq l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ bħala l-vettura prinċipali ta' finanzjament tal-UE għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jinsab imħasseb, madankollu, dwar ir-riżultati fir-rapport riċenti tal-QEA, filwaqt li jqis ***il-l-kamp*** ta' applikazzjoni territorjali u temporali limitat tiegħu, dwar l-impatt tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ bħala politiki tal-Unjoni mmirati sabiex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ; | 4. Iqis li d-data u r-riżultati tal-monitoraġġ disponibbli attwalment mhumiex biżżejjed biex jiġu vvalutati kif xieraq l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ bħala l-vettura prinċipali ta' finanzjament tal-UE għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jinsab imħasseb, madankollu, dwar ir-riżultati fir-rapport riċenti tal-QEA, filwaqt li jqis ***il-kamp*** ta' applikazzjoni territorjali u temporali limitat tiegħu, dwar l-impatt ***tabilħaqq diskutibbli*** tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ bħala politiki tal-Unjoni mmirati sabiex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ; |

Or. fr

**Emenda 120**
**Laura Agea, Marco Valli, Tiziana Beghin, Rosa D'Amato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4a. Iqis li l-istrateġija li għandha tiġi adottata għall-irkupru tal-impjiegi taż-żgħażagħ biex tkun verament effettiva jenħtieġ li tipprovdi għall-ftuħ ta' diskussjonijiet li jinvolvu lill-partijiet interessati, li tivvaluta l-kuntest territorjali li fih se tiġi implimentata u li tipprovdi taħriġ immirat li kapaċi jiżgura l-ħtieġa tal-impriżi billi tqabbilha mal-aspirazzjonijiet u l-ħiliet taż-żgħażagħ; l-istess strateġija għandha tiżgura taħriġ ta' kwalità u t-trasparenza sħiħa dwar l-allokazzjoni tal-fondi lill-aġenziji tat-taħriġ, anke permezz ta' monitoraġġ bir-reqqa tal-użu tagħhom;*** |

Or. it

**Emenda 121**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4a. Huwa tal-fehma li l-monitoraġġ tal-garanzija għaż-żgħażagħ jenħtieġ li jkun appoġġjat minn data kredibbli; iqis li huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex jitwettaq it-titjib meħtieġ sabiex jinkiseb allinjament aħjar mal-Qafas ta' Indikaturi; jiddikjara li jkun ferm pożittiv jekk wieħed ikun jista' jorbot fuq viżjoni globali tal-applikazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ;*** |

Or. es

**Emenda 122**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jiddeplora li l-Istati Membri għażlu li jimpenjaw ruħhom biss bl-istrument mhux vinkolanti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill; jinnota li l-għan tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ għad fadallu ħafna biex jintlaħaq f'ħafna Stati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 123**
**Robert Rochefort**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jappella lill-Istati Membri biex jimplimentaw l-aqwa strateġiji għall-identifikazzjoni tan-NEETs sabiex ikunu jistgħu jimmirawhom b'mod effettiv lejn iż-żgħażagħ ikkonċernati;*** |

Or. fr

**Emenda 124**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Soraya Post, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jilħaq lill-aktar żgħażagħ esklużi*** |

Or. en

**Emenda 125**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jinnota li r-rapport tal-QEA jgħid li f'ebda wieħed mis-seba' pajjiżi studjati ma seta' jiġi żgurat li n-NEETs kollha rċevew offerta fil-perjodu indikat; jirrimarka li minkejja l-fatt li fir-rakkomandazzjoni 27 hija permessa l-implimentazzjoni gradwali fil-każ tal-Istati Membri li jesperjenzaw diffikultajiet baġitarji kbar, il-fondi Ewropej użati mhumiex biżżejjed biex jitwettqu l-objettivi proposti;*** |

Or. es

**Emenda 126**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza li sabiex jintlaħqu n-NEETs jinħtieġu sforzi qawwija u sostnuti mill-awtoritajiet nazzjonali u kooperazzjoni transettorjali, peress li n-NEETs huma grupp eteroġenju bi ħtiġijiet differenti; | 5. Jenfasizza li sabiex jintlaħqu n-NEETs jinħtieġu sforzi qawwija u sostnuti mill-awtoritajiet nazzjonali u kooperazzjoni transettorjali, peress li n-NEETs huma grupp eteroġenju bi ħtiġijiet differenti ***u l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li jdaħħlu fis-seħħ strateġiji ta' sensibilizzazzjoni xierqa u mfassla apposta biex jimmiraw lejn il-gruppi kollha***; |

Or. en

**Emenda 127**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza li sabiex jintlaħqu n-NEETs jinħtieġu sforzi qawwija u sostnuti mill-awtoritajiet nazzjonali u kooperazzjoni transettorjali, peress li n-NEETs huma grupp eteroġenju bi ħtiġijiet differenti; | 5. Jenfasizza li sabiex jintlaħqu n-NEETs jinħtieġu sforzi qawwija u sostnuti mill-awtoritajiet nazzjonali u kooperazzjoni transettorjali ***kif ukoll strateġija ta' sħubija li tinkludi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ***, peress li n-NEETs huma grupp eteroġenju bi ħtiġijiet differenti; |

Or. en

**Emenda 128**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza li sabiex jintlaħqu n-NEETs jinħtieġu sforzi qawwija u sostnuti mill-awtoritajiet nazzjonali u kooperazzjoni transettorjali, peress li n-NEETs huma grupp eteroġenju bi ħtiġijiet differenti; | 5. Jenfasizza li sabiex jintlaħqu n-NEETs jinħtieġu sforzi qawwija u sostnuti mill-awtoritajiet nazzjonali u kooperazzjoni transettorjali, peress li n-NEETs huma grupp eteroġenju bi ħtiġijiet differenti***, inklużi ż-żgħażagħ b'diżabilità***; |

Or. hu

**Emenda 129**
**Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 5. Jenfasizza li sabiex jintlaħqu n-NEETs jinħtieġu sforzi qawwija u sostnuti mill-awtoritajiet nazzjonali u kooperazzjoni transettorjali, peress li n-NEETs huma grupp eteroġenju bi ħtiġijiet differenti; | 5. Jenfasizza li sabiex jintlaħqu n-NEETs jinħtieġu sforzi qawwija u sostnuti mill-awtoritajiet nazzjonali u kooperazzjoni transettorjali, peress li n-NEETs huma grupp eteroġenju bi ħtiġijiet ***u b'ħiliet*** differenti; |

Or. nl

**Emenda 130**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Isostni li l-kawżi tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ma jistgħux jiġu ridotti għal nuqqas ta' sparigġ fil-ħiliet, għax huma konnessi ma' kwistjonijiet bħan-nuqqas ta' impjiegi ġodda bħala riżultat tad-deindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa, l-esternalizzazzjoni u l-ispekulazzjoni, u din is-sitwazzjoni ġiet aggravata mill-kriżi u mill-politiki ta' awsterità; jikkunsidra li l-edukazzjoni u t-taħriġ waħedhom ma jistgħux isolvu l-problema tal-qgħad fost iż-żgħażagħ;*** |

Or. es

**Emenda 131**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jiddeplora l-fatt li approċċ ta' sħubija li jintegra bis-sħiħ is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u*** |

| | |
|---|---|
| | ***partijiet ikkonċernati oħra fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ftit li xejn ġie rispettat; itenni l-idea li approċċ ta' sħubija huwa mmirat biex jilħaq aħjar il-popolazzjoni fil-mira u jiżgura l-provvista ta' offerti ta' kwalità;*** |

Or. en

**Emenda 132**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Soraya Post, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jenfasizza għalhekk il-ħtieġa għal aktar data u għal data aħjar dwar il-popolazzjoni kollha tan-NEETs, bl-għan li jiġu rreġistrati u jintlaħqu b'mod aktar effettiv, peress li data aktar diżaggregata tista' tidentifika liema gruppi jenħtieġ li jiġu mmirati, b'liema mezzi u liema miżuri jaħdmu l-aħjar;*** |

Or. en

**Emenda 133**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jitlob b'mod imperattiv li ssir magħrufa l-informazzjoni l-ġdida dwar l-impjieg taż-żgħażagħ fl-Istati Membri qabel ma tiġi mobilizzata għajnuna ġdida mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ*** |

Or. fr

**Emenda 134**
**Jana Žitňanská, Helga Stevens, Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti (bħall-NGOs li jaħdmu mal-persuni b'diżabilità) biex jikkontribwixxu u jappoġġjaw b'mod attiv is-sensibilizzazzjoni għall-persuni l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 135**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jikkunsidra li l-Garanzija għaż-Żgħażagħ, u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ma jistgħux jissostitwixxu l-użu ta' strumenti makroekonomiċi u ta' politiki oħrajn li jippromwovu l-impjieg taż-żgħażagħ; jirrimarka li biex tiġi vvalutata l-applikazzjoni u l-effetti tal-Garanzija, huwa dejjem importanti li wieħed iżomm f'moħħu l-kundizzjonijiet baġitarji u makroekonomiċi differenti fl-Istati Membri kollha; jikkunsidra li huwa importanti li titfassal riforma strutturali tal-programm tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ fuq medda ta' żmien twil jekk jiġi kkunsidrat li jittawwal iż-żmien kemm idum il-programm; jiddikjara li hemm ħtieġa ċara għal*** |

| | |
|---|---|
| | ***koordinazzjoni akbar bejn id-diversi Stati;*** |

Or. es

**Emenda 136**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Soraya Post, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jenfasizza l-ħtieġa biex l-istrateġiji olistiċi jilħqu n-NEETs kollha u jappoġġjaw liż-żgħażagħ li jaffaċċjaw diversi ostakli, li jmorru lil hinn minn sempliċi aspetti tal-impjieg iżda b'approċċ integrat li jinvolvi aktar servizzi bħall-aċċess għall-abitazzjoni u għall-kura tas-saħħa;*** |

Or. en

**Emenda 137**
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Iħeġġeġ involviment qawwi mill-NGOs b'esperjenza biex jiġu identifikati u appoġġjati l-individwi maqtugħin mis-suq tax-xogħol (eż. studenti li telqu kmieni mill-iskola, żgħażagħ minn komunitajiet esklużi);*** |

Or. en

**Emenda 138**

**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Ifakkar li l-involviment ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fil-komunikazzjoni, fl-ippjanar, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huwa kruċjali għas-suċċess tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 139**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Soraya Post, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Jitlob biex l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u tas-soċjetà ċivili jiġu involuti aħjar bħala intermedjarji importanti bejn iż-żgħażagħ, l-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex jiżviluppaw strateġiji ta' sensibilizzazzjoni u jilħqu b'mod effettiv l-aktar żgħażagħ esklużi;*** |

Or. en

**Emenda 140**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Soraya Post, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5d. Jappoġġja l-iżvilupp ta' punti uniċi ta' servizz li jistgħu jiżguraw li s-servizzi u l-gwidi kollha jkunu faċilment aċċessibbli, disponibbli u mingħajr ħlas għaż-żgħażagħ minn post wieħed;*** |

Or. en

**Emenda 141**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jinsab imħasseb dwar l-osservazzjonijiet inizjali li juru li jeħtieġ li jsir titjib fir-reġistrazzjoni u s-sensibbilizzazzjoni tan-NEETs li qed ***jirriżulta li huma diffiċli biex jerġgħu*** jiġu ***integrati, speċjalment in-NEETs inattivi***; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet tan-NEETs vulnerabbli; | 6. Jinsab imħasseb dwar l-osservazzjonijiet inizjali li juru li jeħtieġ li jsir titjib fir-reġistrazzjoni u s-sensibbilizzazzjoni tan-NEETs ***meta jiġi kkunsidrat*** li ***ż-żgħażagħ li jkunu*** qed jiġu ***inklużi f'dan it-terminu jkollhom ħtiġijiet differenti***; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet tan-NEETs vulnerabbli; ***ifakkar li hemm riskju li ż-żgħażagħ b'diżabilità la jkunu fil-mira tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u lanqas tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u jitlob li tinstab soluzzjoni għal dan mill-aktar fis possibbli;*** |

Or. en

**Emenda 142**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

6. Jinsab imħasseb dwar l-osservazzjonijiet inizjali li juru li jeħtieġ li jsir titjib fir-reġistrazzjoni u s-sensibbilizzazzjoni tan-NEETs li qed jirriżulta li huma diffiċli biex jerġgħu jiġu integrati, speċjalment in-NEETs inattivi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet tan-NEETs vulnerabbli;

6. Jinsab imħasseb dwar l-osservazzjonijiet inizjali li juru ***l-ineffiċjenza tal-miżuri fir-rigward tan-nuqqas fit-tħejjija u tan-nuqqas ta' kompatibbiltà tagħhom ma' ċerti ekonomiji nazzjonali u*** li ***juru li*** jeħtieġ li jsir titjib fir-reġistrazzjoni u s-sensibbilizzazzjoni tan-NEETs li qed jirriżulta li huma diffiċli biex jerġgħu jiġu integrati, speċjalment in-NEETs inattivi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet tan-NEETs vulnerabbli;

Or. fr

**Emenda 143**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. Jinsab imħasseb dwar l-osservazzjonijiet inizjali li juru li jeħtieġ li jsir titjib fir-reġistrazzjoni u s-sensibbilizzazzjoni tan-NEETs li qed jirriżulta li huma diffiċli biex jerġgħu jiġu integrati**,** speċjalment in-NEETs inattivi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet tan-NEETs vulnerabbli;

*Emenda*

6. Jinsab imħasseb dwar l-osservazzjonijiet inizjali li juru li jeħtieġ li jsir titjib fir-reġistrazzjoni u s-sensibbilizzazzjoni tan-NEETs ***kollha, b'mod partikolari dawk*** li qed jirriżulta li huma diffiċli biex jerġgħu jiġu integrati ***u*** speċjalment in-NEETs inattivi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet tan-NEETs vulnerabbli;

Or. en

**Emenda 144**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jistieden lis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) biex jipprovdu servizzi ta' kwalità għolja u mfassla apposta lin-NEETs żgħażagħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u jimplimentaw taħriġ ta' sensibilizzazzjoni għal impjegati tal-uffiċċju tal-impjiegi sabiex iżidu s-sensittività lejn id-diversi żvantaġġi li jirkbu lil xulxin tan-NEETs żgħażagħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli biex jeliminaw attitudnijiet ta' preġudizzju u negattivi lejhom;*** |

Or. en

**Emenda 145**
**Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jenfasizza li sabiex jintlaħaq l-"għan finali" tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, il-ħila u l-impjegabbiltà tan-NEETs iridu jiġu żviluppati aħjar u jitjiebu, biex b'hekk ikunu jistgħu jintegraw aħjar fis-suq tax-xogħol, filwaqt li titqies ukoll kwalunkwe diżabilità funzjonali li jista' jkollhom;*** |

Or. en

**Emenda 146**
**Laura Agea, Marco Valli, Tiziana Beghin, Rosa D'Amato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***6a. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jevitaw ir-riskju li l-apprendistati u l-istrumenti pprovduti mill-Garanzija għaż-Żgħażagħ jistgħu jintużaw bħala strument mhux xieraq biex wieħed jaħrab mill-illegalità tax-xogħol mhux iddikjarat;***

Or. it

**Emenda 147**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Soraya Post, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6a. Jikkunsidra l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ bħala strumenti b'saħħithom fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali tal-gruppi l-oħra ta' żgħażagħ l-aktar esklużi bħar-Rom, il-migranti, ir-refuġjati u l-persuni b'diżabilità;*** |

Or. en

**Emenda 148**
**Jana Žitňanská, Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6a. Jirrikonoxxi li hija meħtieġa għajnuna aktar individwalizzata għall-aktar persuni maqtugħin mis-suq tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 149**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Soraya Post, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jadattaw il-programmi operazzjonali tagħhom sabiex jiġi żgurat li l-miżuri tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ ikunu aċċessibbli b'mod effettiv għall-persuni kollha b'diżabilità, li jagħtu aċċess ugwali għaż-żgħażagħ b'diżabilità, jiggarantixxu introjtu adegwat u jistabbilixxu programmi speċifiċi sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-individwu u t-tip ta' diżabilità tiegħu/tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 150**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mfassla miżuri apposta għall-ħtiġijiet tal-kuntest lokali sabiex jiżdied l-impatt tagħhom, pereżempju permezz ta' involviment aktar mill-qrib tar-rappreżentanti lokali tal-impjegaturi, il-fornituri tat-taħriġ lokali u l-awtoritajiet lokali;*** |

Or. en

**Emenda 151**
**Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jilqa' li l-miżuri u l-politiki implimentati fil-kuntest tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ għenu jindirizzaw l-ispariġġi eżistenti fil-ħiliet, biex b'hekk iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jissodisfaw aħjar id-domandi tas-suq tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 152**
**Jana Žitňanská, Helga Stevens, Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu malajr il-komunikazzjoni tal-programmi ta' appoġġ eżistenti li huma disponibbli għaż-żgħażagħ, speċjalment għall-gruppi l-aktar maqtugħin mis-suq tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 153**
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6c. Jirrikonoxxi li sabiex l-opportunitajiet jiġu diretti lil dawk li jeħtiġuhom l-aktar, huwa meħtieġ sforz immirat u personalizzat li jħeġġeġ il-*** |

***parteċipazzjoni (bħal għajnuna fil-parti amministrattiva tar-reġistrazzjoni); jisħaq fuq l-importanza ta' servizzi ta' PES b'ħiliet avvanzati f'dan ir-rigward;***

Or. en

**Emenda 154**
**Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6c. Japprova r-rakkomandazzjoni tal-QEA li l-offerti ta' xogħol jenħtieġ li jkunu mfassla apposta għall-profil u għall-kwalifiki tal-individwi kif ukoll jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi għal "offertà ta' kwalità" tajba;*** |

Or. en

**Emenda 155**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 2b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-iżgurar tal-kwalità tal-offerti taħt l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ*** |

Or. en

**Emenda 156**
**Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Japprova l-appell biex jiġi definit x'għandha tkun "offerta ta' kwalità", iżda jwissi li tali definizzjoni m'għandhiex twassal għal restrizzjonijiet bla bżonn jew piżijiet amministrattivi;*** | ***imħassar*** |

Or. nl

**Emenda 157**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Japprova l-appell biex jiġi definit x'għandha tkun "offerta ta' kwalità", iżda jwissi li tali definizzjoni m'għandhiex twassal għal restrizzjonijiet bla bżonn jew piżijiet amministrattivi;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 158**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Japprova l-appell biex jiġi definit x'għandha tkun offerta "ta' kwalità", ***iżda*** jwissi li ***tali definizzjoni m'għandhiex twassal għal restrizzjonijiet bla bżonn jew piżijiet amministrattivi***; | 7. Japprova l-appell biex jiġi definit x'għandha tkun offerta "ta' kwalità", ***u*** jwissi li ***l-istabbiliment ta' qafas ta' referenza dwar impjiegi ta' kwalità huwa pass tajjeb biex jitnaqqas il-prekarjat, jiġu evitati s-sovrapożizzjonijiet u jiġi attivat mill-ġdid it-tkabbir ekonomiku***; |

Or. es

**Emenda 159**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Japprova l-appell biex jiġi definit ***x'għandha tkun*** "offerta ta' kwalità"***, iżda jwissi li tali definizzjoni m'għandhiex twassal għal restrizzjonijiet bla bżonn jew piżijiet amministrattivi***; | 7. Japprova l-appell biex jiġi definit ***it-terminu*** "offerta ta' kwalità" ***u biex jiġu implimentati miżuri biex dawn jinħolqu fl-Istati Membri kollha***; |

Or. en

**Emenda 160**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Japprova l-appell biex jiġi definit x'għandha tkun offerta "ta' kwalità", iżda jwissi li tali definizzjoni m'għandhiex twassal għal restrizzjonijiet bla bżonn jew piżijiet amministrattivi; | 7. Japprova l-appell biex jiġi definit x'għandha tkun offerta "ta' kwalità", iżda jwissi li tali definizzjoni m'għandhiex twassal għal restrizzjonijiet bla bżonn jew piżijiet amministrattivi***, u lanqas għall-iffissar ta' kriterji temporanji insostenibbli għall-Istati Membri***; |

Or. fr

**Emenda 161**
**Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Japprova*** l-appell biex jiġi definit x'għandha tkun "offerta ta' kwalità", iżda jwissi li tali definizzjoni m'għandhiex twassal għal restrizzjonijiet bla bżonn jew piżijiet amministrattivi; | 7. ***Jirrikonoxxi*** l-appell biex jiġi definit x'għandha tkun "offerta ta' kwalità", iżda jwissi li tali definizzjoni m'għandhiex twassal għal restrizzjonijiet bla bżonn jew piżijiet amministrattivi; |

Or. en

**Emenda 162**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi elaborata definizzjoni komprensiva ta' "kwalità ta' offerta", li għandha tiġi żviluppata fil-livell Ewropew, li tqis bis-sħiħ l-ħidma li saret fil-kumitat tal-EMCO f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti; jenfasizza li offerta ta' kwalità tajba hija miżura multidimensjonali li twassal għal integrazzjoni sostenibbli u mqabbla tajjeb għall-parteċipanti fis-suq tax-xogħol, li tinkiseb permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet; tali miżura jenħtieġ li tibda b'servizzi ta' mmappjar ta' ħiliet, ta' mentoraġġ u ta' kkowċjar ta' kwalità u individwalizzati u jenħtieġ li tkun ibbażata fuq offerta li taqbel mal-livell ta' kwalifika u mal-profil tal-parteċipanti, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura l-aċċess għad-drittijiet u għas-servizzi fil-post tax-xogħol u waqt it-taħriġ;*** |

Or. en

**Emenda 163**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jikkunsidra li "offerta tajba" ta' xogħol fi ħdan il-programm tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ jenħtieġ li tkun irregolata mill-istess prinċipji li jiddefinixxu kwalunkwe impjieg ta' kwalità, u f'dan is-sens isejjaħ biex jiġġeddu l-isforzi fil-promozzjoni tal-prinċipji li jiddefinixxu l-impjieg ta' kwalità li jinsabu fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politiki soċjali u tal-impjieg- Qafas għal investiment fil-kwalità [1], u r-rakkomandazzjoni 136 tal-ILO;*** |
| | ***[1] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni - L-Impjieg u l-politiki soċjali - qafas għall-investiment fil-kwalità/* COM/2001/0313 final */ [traduzzjoni mhux uffiċjali]*** |

Or. es

**Emenda 164**
**Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Ifakkar li l-ILO tiddefinixxi "xogħol deċenti" bħala xogħol li huwa "produttiv u li jagħti introjtu ġust, b'mod sikur fuq il-post tax-xogħol u protezzjoni soċjali, prospetti aħjar għall-iżvilupp personali u l-integrazzjoni soċjali, il-libertà li n-nies jesprimu t-tħassib*** |

| | |
|---|---|
| | ***tagħhom, jorganizzaw u jieħdu sehem fid-deċiżjonijiet li jaffettwawlhom ħajjithom u l-opportunitajiet u t-trattament indaqs għan-nisa u l-irġiel kollha", u li dan l-istandard minimu jkompli ma jintlaħaqx fil-każ ta' żgħażagħ fl-impjiegi;*** |

Or. en

**Emenda 165**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Jissuġġerixxi li d-definizzjoni ta' "offerta tajba" jenħtieġ li tinkludi elementi li jiggarantixxu tul ta' żmien ta' mill-inqas 12-il xahar, remunerazzjoni li tikkorrispondi mal-funzjonijiet u l-kategorija professjonali tal-parteċipant fl-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, l-adegwatezza tal-offerta skont il-profil tal-applikant u s-settur tax-xogħol tiegħu, l-inklużjoni fi ħdan is-sistemi tas-sigurtà soċjali, il-possibbiltà ta' dħul fi trejdjunjin u ta' parteċipazzjoni fil-korpi ta' rappreżentanza tal-ħaddiema;*** |

Or. es

**Emenda 166**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Jindika l-istandards ta' kwalità msemmija fil-"Gwida ta' valutazzjoni tal-*** |

***Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ" li ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni fl-2015, li timmarka l-karatteristiċi tal-offerti ta' impjieg, ir-rilevanza tagħhom għall-ħtiġijiet tal-parteċipanti, l-eżiti fis-suq tax-xogħol prodotti mill-offerti u l-proporzjonijiet tal-offerti li ma ġewx aċċettati jew li ġew abbandunati qabel iż-żmien bħala indikaturi validi għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-impjieg;***

Or. en

**Emenda 167**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7c. Offerta ta' kuntratt ta' kwalità fir-rigward ta' apprendistat tfisser qafas ta' kwalità li fi ħdanu jenħtieġ li jiġu rrispettati dawn il-garanziji:perjodu ta' apprendistat jenħtieġ li jkun ibbażat fuq kuntratt bil-miktub, jenħtieġ li jkun trasparenti fir-rigward tal-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fil-kuntratt, jenħtieġ li jiġu stabbiliti objettivi definiti u kontenut ta' apprendistat ta' kwalità, jenħtieġ li jiġi assenjat tutur jew superviżur li jevalwa l-prestazzjoni tal-apprendist fi tmiem il-perjodu, it-tul ta' żmien tal-apprendistat jenħtieġ li jkun għal perjodu speċifiku, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu ta' apprendistati mal-istess impjegatur, jenħtieġ li jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet ta' kopertura fis-sistema tas-sigurtà soċjali, u r-remunerazzjoni jenħtieġ li tkun speċifikata fil-kuntratt;*** |

Or. es

**Emenda 168**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7c. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaġġornaw u jirrevedu b'mod progressiv l-programmi operazzjonali tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tagħhom bl-involviment tas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ sabiex jirfinaw l-azzjoni tagħhom abbażi tal-ħtiġijiet attwali taż-żgħażagħ u tas-suq tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 169**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7d. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu lill-Kummissjoni ċifri aġġornati dwar l-implimentazzjoni attwali tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ l-aktar spiss possibbli u b'mod aktar frekwenti mill-obbligi tar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni annwali tagħhom, kif definit fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament dwar il-FSE, li ma jipprovdux l-aktar data riċenti dwar l-implimentazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 170**

**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jenfasizza li huwa possibbli biss li jiġi ddeterminat jekk il-baġit tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huwiex jintefaq tajjeb, u jekk jinkisibx l-għan aħħari tal-Inizjattiva li tgħin sabiex iż-żgħażagħ jidħlu f'impjieg sostenibbli, ladarba l-operazzjonijiet ikunu mmonitorjati bir-reqqa fuq il-bażi ta' data affidabbli u komparabbli; jistieden lill-Istati Membri biex urġentement itejbu l-monitoraġġ tagħhom tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u biex jiggarantixxu li tinġabar data affidabbli u komparabbli u li ssir disponibbli fil-mument opportun; | 8. Jenfasizza li huwa possibbli biss li jiġi ddeterminat jekk il-baġit tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huwiex jintefaq tajjeb, u jekk jinkisibx l-għan aħħari tal-Inizjattiva li tgħin sabiex iż-żgħażagħ jidħlu f'impjieg sostenibbli, ladarba l-operazzjonijiet ikunu mmonitorjati bir-reqqa fuq il-bażi ta' data affidabbli u komparabbli; jistieden lill-Istati Membri biex urġentement itejbu l-monitoraġġ tagħhom tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u biex jiggarantixxu li tinġabar data affidabbli u komparabbli u li ssir disponibbli fil-mument opportun; ***jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-linji gwida tagħha dwar il-ġbir ta' data f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' dikjarazzjoni eċċessiva tar-riżultati;*** |

Or. en

**Emenda 171**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jenfasizza li huwa possibbli biss li jiġi ddeterminat jekk il-baġit tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huwiex jintefaq tajjeb, u jekk jinkisibx l-għan aħħari tal-Inizjattiva li tgħin sabiex iż-żgħażagħ jidħlu f'impjieg sostenibbli, ladarba l-operazzjonijiet ikunu | 8. Jenfasizza li huwa possibbli biss li jiġi ddeterminat jekk il-baġit tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huwiex jintefaq tajjeb, u jekk jinkisibx l-għan aħħari tal-Inizjattiva li tgħin sabiex iż-żgħażagħ jidħlu f'impjieg sostenibbli, ladarba l-operazzjonijiet ikunu |

| | |
|---|---|
| mmonitorjati bir-reqqa fuq il-bażi ta' data affidabbli u komparabbli; jistieden lill-Istati Membri biex urġentement itejbu l-monitoraġġ tagħhom tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u biex jiggarantixxu li tinġabar data affidabbli u komparabbli u li ssir disponibbli fil-mument opportun; | mmonitorjati bir-reqqa fuq il-bażi ta' data affidabbli u komparabbli; jistieden lill-Istati Membri biex urġentement itejbu l-monitoraġġ ***u l-valutazzjoni*** tagħhom tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u biex jiggarantixxu li tinġabar data affidabbli u komparabbli u li ssir disponibbli fil-mument opportun; |

Or. fr

**Emenda 172**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jieħu nota tal-proposti u tad-diversi forom kif l-Istati Membri żviluppaw il-programmi inklużi fi ħdan il-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, jikkunsidra li f'diversi Stati Membri r-regolamentazzjoni nazzjonali kienet vaga fl-objettivi u l-approċċi tagħha, mhux daqstant ċara fil-formulazzjoni tagħha u ma inkludietx varjetà wiesgħa ta' possibbiltajiet ta' promozzjoni tal-impjieg; jikkunsidra li l-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' u n-nuqqas ta' mekkaniżmi ċari ta' superviżjoni xi drabi kkawżaw effett ta' sostituzzjoni tal-postijiet tax-xogħol għal offerti li jinsabu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ;*** |

Or. es

**Emenda 173**
**Jana Žitňanská, Helga Stevens, Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jenfasizza li l-isforzi tal-Istati Membri biex jitejjeb il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-kwalità tad-data pprovduta huma prerekwiżiti għat-titjib tal-politiki għall-attivazzjoni taż-żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ b'mod ġenerali;*** |

Or. en

**Emenda 174**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jistieden lill-Istati Membri biex b'mod attiv jidentifikaw il-partijiet ikkonċernati ***rilevanti*** meħtieġa għal approċċ ta' sħubija u biex jippromwovu aħjar il-programm tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fost ***in-negozji, u b'mod partikolari*** l-SMEs u kumpaniji iżgħar immexxija mill-familji; jenfasizza li l-evidenza minn Stati Membri li kienu diġà adottaw approċċi simili għall-Garanzija taż-Żgħażagħ qabel ma ġie introdott il-programm turi li approċċ b'suċċess ibbażat fuq il-partijiet ikkonċernati huwa kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess; | 9. ***Itenni li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ tikkunsidra approċċi bbażati fuq is-sħubija bħala element kruċjali biex jiġu implimentati skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ;*** jistieden lill-Istati Membri biex b'mod attiv jidentifikaw il-partijiet ikkonċernati meħtieġa għal approċċ ta' sħubija u biex jippromwovu aħjar il-programm tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fost l-SMEs u kumpaniji iżgħar immexxija mill-familji; jenfasizza li l-evidenza minn Stati Membri li kienu diġà adottaw approċċi simili għall-Garanzija taż-Żgħażagħ qabel ma ġie introdott il-programm turi li approċċ b'suċċess ibbażat fuq il-partijiet ikkonċernati huwa kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess; |

Or. en

**Emenda 175**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jistieden lill-Istati Membri biex b'mod attiv jidentifikaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti meħtieġa għal approċċ ta' sħubija u biex jippromwovu aħjar il-programm tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fost in-negozji, u b'mod partikolari l-SMEs u kumpaniji iżgħar immexxija mill-familji; jenfasizza li l-evidenza minn Stati Membri li kienu diġà adottaw approċċi simili għall-Garanzija taż-Żgħażagħ qabel ma ġie introdott il-programm turi li approċċ b'suċċess ibbażat fuq il-partijiet ikkonċernati huwa kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess; | 9. Jistieden lill-Istati Membri biex b'mod attiv jidentifikaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti meħtieġa għal approċċ ta' sħubija u biex jippromwovu aħjar il-programm tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fost in-negozji, u b'mod partikolari l-SMEs u kumpaniji iżgħar immexxija mill-familji; jenfasizza li l-evidenza minn Stati Membri li kienu diġà adottaw approċċi simili għall-Garanzija taż-Żgħażagħ qabel ma ġie introdott il-programm turi li approċċ b'suċċess ibbażat fuq il-partijiet ikkonċernati huwa kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess; ***jenfasizza li l-bidliet li seħħew fis-suq tax-xogħol u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija juru li l-użu tal-istess riċetti politiċi ma jipproduċux riżultati suffiċjenti u li għaldaqstant jenħtieġ li jkun hemm innovazzjoni fil-politiki ta' ħolqien tal-impjiegi għaż-żgħażagħ;*** |

Or. es

**Emenda 176**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jistieden lill-Istati Membri biex b'mod attiv jidentifikaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti meħtieġa għal approċċ ta' sħubija u biex jippromwovu aħjar il-programm tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fost in-negozji, u b'mod | 9. Jistieden lill-Istati Membri biex b'mod attiv jidentifikaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti meħtieġa għal approċċ ta' sħubija u biex jippromwovu aħjar il-programm tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fost in-negozji, u b'mod |

| | |
|---|---|
| partikolari l-SMEs u kumpaniji iżgħar immexxija mill-familji; jenfasizza li l-evidenza minn Stati Membri li kienu diġà adottaw approċċi simili għall-Garanzija taż-Żgħażagħ qabel ma ġie introdott il-programm turi li approċċ b'suċċess ibbażat fuq il-partijiet ikkonċernati huwa kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess; | partikolari l-SMEs u kumpaniji iżgħar immexxija mill-familji; jenfasizza li l-evidenza minn Stati Membri li kienu diġà adottaw approċċi simili għall-Garanzija taż-Żgħażagħ qabel ma ġie introdott il-programm turi li approċċ b'suċċess ibbażat fuq il-partijiet ikkonċernati huwa kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess ***u fattibbli mill-Istati Membri***; |

Or. fr

**Emenda 177**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jistieden lill-Istati Membri biex b'mod attiv jidentifikaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti meħtieġa għal approċċ ta' sħubija u biex jippromwovu aħjar il-programm tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fost in-negozji, u b'mod partikolari l-SMEs u kumpaniji iżgħar immexxija mill-familji; jenfasizza li l-evidenza minn Stati Membri li kienu diġà adottaw approċċi simili għall-Garanzija taż-Żgħażagħ qabel ma ġie introdott il-programm turi li approċċ b'suċċess ibbażat fuq il-partijiet ikkonċernati huwa kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess; | 9. Jistieden lill-Istati Membri biex b'mod attiv jidentifikaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti meħtieġa għal approċċ ta' sħubija u biex jippromwovu aħjar il-programm tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ fost in-negozji, u b'mod partikolari l-SMEs u kumpaniji iżgħar immexxija mill-familji; jenfasizza li l-evidenza minn Stati Membri li kienu diġà adottaw approċċi simili għall-Garanzija taż-Żgħażagħ qabel ma ġie introdott il-programm ***(eż. l-Ungerija);*** turi li approċċ b'suċċess ibbażat fuq il-partijiet ikkonċernati huwa kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess; |

Or. hu

**Emenda 178**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu u jiġu mmodernizzati s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u li jiżdied l-użu tal-amministrazzjoni elettronika sabiex ikunu jistgħu jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi u jiżdiedu l-preċiżjoni u l-kwalità tal-offerti ta' xogħol;*** |

Or. es

**Emenda 179**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9b. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li wħud mill-mezzi adottati fi ħdan il-programm tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huma miżuri adottati qabel mill-Istati Membri; jiddikjara li l-Inizjattiva ta' Impjieg taż-Żgħażagħ jenħtieġ li taħdem għat-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ bi strumenti effikaċi, u mhux "bis-sempliċi riċiklaġġ tagħha"[1];*** <br> ***[1] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar l-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ: soluzzjonijiet possibbli (2013/2045(INI))*** |

Or. es

**Emenda 180**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***9c. Jikkunsidra li hemm evidenza sinifikanti ta' offerti ta' impjieg ta' kwalità baxxa offruti fi ħdan l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ma jilħqux il-kriterji tal-qafas tiegħu; jirrakkomanda li jiġu eliminati mill-paġni web tal-istituzzjonijiet Ewropej u l-parteċipanti fi ħdan l- Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, l-avviżi ta' boroż ta' studju mingħajr ħlas u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet minimi ta' kwalità li l-qafas ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ jenħtieġ li joffri; jesprimi r-rieda tiegħu li jiġġieled kontra dawn it-tip ta' prattiki u li jaħdem biex jiġġenera offerti ta' xogħol ta' kwalità;***

Or. es

**Emenda 181**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jitlob li fl-evalwazzjoni li jmiss tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, il-Kummissjoni żżomm f'moħħha l-effiċjenza fl-użu tal-fondi pubbliċi mill-programmi tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tordna lill-Istati Membri biex jieqfu jipproduċu effett ta' sostituzzjoni tal-politiki ta' impjieg; jenfasizza li sabiex tiġi ggarantita s-sostenibbiltà ta' dan il-programm jenħtieġ li jiġu żgurati l-aġġornament u l-iskambju tad-data u l-akbar trasparenza fl-użu tal-finanzjament min-naħa tal-Istati Membri;*** |

Or. es

**Emenda 182**

**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi stima speċifika għall-pajjiż tal-ispiża annwali għal kull Stat Membru biex jimplimenta l-Garanzija għaż-Żgħażagħ b'mod effettiv, filwaqt li titqies l-istima tal-ILO;*** |

Or. en

**Emenda 183**
**Jana Žitňanská, Anthea McIntyre**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jimmaniġġjaw l-għanijiet (kwantifikabbli, jekk possibbli) mill-bidu taċ-ċiklu tal-politika u biex ma joħolqux aspettattivi li ma jkunux realistiċi;*** |

Or. en

**Emenda 184**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10b. Jitlob lill-Istati Membri biex iġeddu l-isforzi sabiex jinkludu fl-iskemi tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Żgħażagħ lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju, peress li huma jipprovdu l-akbar numru ta' postijiet tax-xogħol; jitlob lill-Istati Membri biex jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-parteċipanti tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ fil-qasam tax-xogħol u l-assenjazzjoni tal-funzjonijiet, u fejn ikun il-każ biex jipprovdu mekkaniżmi sabiex jiġi evitat l-isfruttament fix-xogħol;*** |

Or. es

**Emenda 185**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10c. Isejjaħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-isforzi sabiex tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni aċċessibbli fi ħdan l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tal-persuni b'diżabilità;*** |

Or. es

**Emenda 186**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10d. Jirrimarka li l-problemi li jesperjenzaw iż-żoni rurali fil-qasam tal-qgħad fost iż-żgħażagħ huma għal raġunijiet differenti minn dawk taż-żoni urbani; isejjaħ lill-Istati Membri biex jinkludu miżuri speċjalizzati għal dawn ir-*** |

| | |
|---|---|
| | ***reġjuni mingħajr ma jaġixxu għad-detriment tal-kwalità tal-offerti;*** |

Or. es

**Emenda 187**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10e. Jenfasizza li jenħtieġ li tissaħħaħ l-offerta ta' postijiet ta' apprendistati fil-qafas tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, peress li jirrappreżentaw biss 4.1 % tal-offerti li ġew aċċettati s'issa;*** |

Or. es

**Emenda 188**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar l-istatus futur tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ***ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel minn strument ta' kriżi fi strument*** ewlieni ta' finanzjament tal-UE ***aktar permanenti,*** biex jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ***, u li tistabbilixxi rekwiżit ta' kofinanzjament sabiex tkun enfasizzata r-resposabilità primarja tal-Istati Membri***; | 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar l-istatus futur ***u/jew il-kontinwazzjoni*** tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ***peress*** li ***bħalissa hija l-istrument*** ewlieni ta' finanzjament tal-UE biex jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ ***lil hinn mill-Fondi Soċjali Ewropej billi jimmira b'mod partikolari lejn reġjuni li jkunu jinsabu fi bżonn urġenti filwaqt li jiżgura l-użu malajr u mhux ikkumplikat tal-fondi***; |

Or. en

**Emenda 189**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. ***Jitlob*** biex ***issir diskussjoni dwar l-istatus futur tal-Inizjattiva*** favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ***li ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel*** minn strument ***ta' kriżi*** fi strument ***ewlieni ta' finanzjament tal-UE*** aktar permanenti**,** biex jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ, u li tistabbilixxi rekwiżit ta' kofinanzjament sabiex tkun enfasizzata ***r-resposabilità*** primarja tal-Istati Membri; | 11. ***Jenfasizza l-ħtieġa*** biex ***l-Inizjattiva*** favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ***tevolvi*** minn strument ***kontra l-kriżijiet*** fi strument aktar permanenti biex jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ, u li tistabbilixxi rekwiżit ta' kofinanzjament sabiex tkun enfasizzata ***r-responsabbilta*** primarja tal-Istati Membri; |

Or. en

**Emenda 190**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar l-istatus futur tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel minn strument ta' kriżi fi strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE aktar permanenti***, biex*** jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ***,*** u li ***tistabbilixxi rekwiżiti*** ta' kofinanzjament ***sabiex tkun enfasizzata r-resposabilità primarja tal-Istati Membri***; | 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar l-istatus futur tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel ***mill-qiegħ*** minn strument ta' kriżi fi strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE aktar permanenti ***li*** jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ u li ***jistabbilixxi kriterji u objettivi realistiċi, skont l-ispeċifiċitajiet*** ta' ***kull Stat Membru kif ukoll skont ir-rekwiżiti ta'*** kofinanzjament; |

Or. fr

**Emenda 191**
**Claude Rolin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar l-istatus futur tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel minn strument ta' kriżi fi strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE aktar permanenti***, biex*** jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ, u li ***tistabbilixxi rekwiżit*** ta' kofinanzjament ***sabiex tkun enfasizzata r-resposabilità primarja tal-Istati*** Membri; | 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar l-istatus futur tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel minn strument ta' kriżi fi strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE aktar permanenti ***li*** jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ u li ***jistabbilixxi rekwiżiti*** ta' kofinanzjament ***li jqisu l-livell tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fid-diversi Stati*** Membri; |

Or. fr

**Emenda 192**
**Jeroen Lenaers, Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar ***l-istatus futur tal-Inizjattiva*** favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ***ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li*** tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel minn strument ta' kriżi fi strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE aktar permanenti, biex jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ, u li tistabbilixxi rekwiżit ta' kofinanzjament sabiex tkun enfasizzata ***r-resposabilità*** primarja tal-Istati Membri; | 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar ***l-istrateġija futura għall-Inizjattiva*** favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel minn strument ta' kriżi fi strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE aktar permanenti, biex jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ, u li tistabbilixxi rekwiżit ta' kofinanzjament sabiex tkun enfasizzata ***r-responsabbiltà*** primarja tal-Istati Membri; |

Or. nl

**Emenda 193**
**Robert Rochefort**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar l-istatus futur tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel minn strument ta' kriżi fi strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE aktar permanenti***, biex*** jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ***,*** u li ***tistabbilixxi*** rekwiżiti ta' kofinanzjament ***sabiex tkun enfasizzata r-resposabilità primarja tal-Istati Membri***; | 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar l-istatus futur tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel minn strument ta' kriżi fi strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE aktar permanenti ***li*** jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ u li ***jistabbilixxi*** rekwiżiti ta' kofinanzjament; |

Or. fr

**Emenda 194**
**Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar l-istatus futur tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel minn strument ta' kriżi fi strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE aktar permanenti, biex jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ, u li tistabbilixxi rekwiżit ta' kofinanzjament sabiex tkun enfasizzata ***r-resposabilità*** primarja tal-Istati Membri; | 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar l-istatus futur tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel minn strument ta' kriżi fi strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE aktar permanenti, biex jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ, u li tistabbilixxi rekwiżit ta' kofinanzjament sabiex tkun enfasizzata ***r-responsabbiltà*** primarja tal-Istati Membri; ***jinnota li l-estensjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ jenħtieġ li tkun soġġetta għal diskussjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss biex jiġu żgurati l-kontinwità u l-kosteffettività;*** |

Or. en

**Emenda 195**
**Laura Agea, Marco Valli, Tiziana Beghin, Rosa D'Amato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar l-istatus futur tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel minn strument ta' kriżi fi strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE aktar permanenti, biex jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ, u li tistabbilixxi rekwiżit ta' kofinanzjament sabiex tkun enfasizzata ***r-resposabilità*** primarja tal-Istati Membri; | 11. Jitlob biex issir diskussjoni dwar l-istatus futur tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ma tpoġġix fid-dubju l-kontinwazzjoni tagħha iżda li tindirizza l-kwistjoni li din tinbidel minn strument ta' kriżi fi strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE aktar permanenti, biex jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ, u li tistabbilixxi rekwiżit ta' kofinanzjament sabiex tkun enfasizzata ***r-responsabbiltà*** primarja tal-Istati Membri ***u barra minn hekk, sabiex dan l-istrument isir miżura strutturali jenħtieġ li jissewwew il-ħsarat u l-iżbalji kollha li fiha***; |

Or. it

**Emenda 196**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiċċara s-sitwazzjoni ta' dawk il-parteċipanti fil-programm li ma jirċevux offerta ta' impjieg fiż-żmien speċifikat; jitlob ukoll li jiġu ċċarati l-azzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***possibbli wara ċ-ċaħda ta' offerta ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ; jitlob lill-Kummissjoni biex tiċċara r-relazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva ta' Impjieg għaż-Żgħażagħ b'rabta mal-EURES, is-CEDEFOP, il-programm Erasmus+ u l-proposta tal-Korpi Ewropej ta' Solidarjetà;*** |

Or. es

**Emenda 197**
**Joëlle Mélin, Mara Bizzotto, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jenfasizza li l-isforzi li għaddejjin biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ ***u jżidu l-finanzjament tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huma ferm meħtieġa***; | 12. Jenfasizza li l-isforzi ***tal-Unjoni Ewropea*** li għaddejjin biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ ***ma kinux biżżejjed fid-dawl tar-riżultati osservati, b'mod partikolari mir-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri***; |

Or. fr

**Emenda 198**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jenfasizza li l-isforzi li għaddejjin biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ u jżidu l-finanzjament tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huma ferm meħtieġa; | 12. Jenfasizza li l-isforzi li għaddejjin biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ u jżidu l-finanzjament tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huma ferm meħtieġa; ***jirrimarka li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ waħedha mhijiex biżżejjed biex jintemm il-qgħad fost iż-żgħażagħ u li huma meħtieġa*** |

| | |
|---|---|
| | ***direzzjonijiet ġodda fl-Istati Membri maħsuba biex jattivaw mill-ġdid id-domanda fis-suq tax-xogħol li jirrispettaw l-istandards minimi ta' xogħol ta' kwalità; jikkunsidra li l-kost biex tiġi abbandunata din l-inizjattiva huwa kbir wisq għaliex dan ipoġġi f'riskju l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ġenerazzjoni sħiħa;*** |

Or. es

**Emenda 199**
**Laura Agea, Marco Valli, Tiziana Beghin, Rosa D'Amato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jenfasizza li l-isforzi li għaddejjin biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ u jżidu l-finanzjament tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huma ferm meħtieġa; | 12. Jenfasizza li l-isforzi li għaddejjin biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ u jżidu l-finanzjament tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huma ferm meħtieġa ***għalkemm mhumiex biżżejjed***; |

Or. it

**Emenda 200**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jirrimarka li għalkemm l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ġiet imfassla bħala politika ad hoc f'perjodu ta' kriżi ekonomika sabiex jiġu miġġielda l-indiċi għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ f'kuntest ta' kriżi, dan għandu jevolvi fi strument ta' superviżjoni tal-promozzjoni u l-kwalità tal-impjiegi għaż-żgħażagħ f'koordinazzjoni ma' programmi oħrajn ta' promozzjoni tal-impjiegi fl-UE; jikkunsidra li huwa*** |

***importanti li ssir ħidma għall-ilħuq tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropea 2020 fil-qasam tal-impjiegi, it-tluq mill-iskola u l-esklużjoni soċjali[1]***

***[1] "li l-75 % tal-persuni bejn l-24 u 64 sena għandhom impjieg; li l-persuni li jieqfu jistudjaw qabel il-waqt jirrappreżentaw inqas minn 10 % u li mill-inqas 20 miljun persuna jiġu salvati mill-faqar u l-esklużjoni soċjali".***

Or. es

**Emenda 201**
**Jana Žitňanská, Helga Stevens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jenfasizza li kwalunkwe żieda finanzjarja futura trid tqis l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jenfasizzaw in-nuqqas ta' fokus u ta' għanijiet kwantifikabbli min-naħa tal-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 202**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Anke jekk żieda fil-finanzjament tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tista' tkun meħtieġa bil-kbir, din għandha tiġi ttestjata qabel ma jiġi*** |

***estiż il-finanzjament;***

Or. fr

**Emenda 203**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jitlob li jkun hemm aktar trasparenza fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u għal aktar ambizzjoni fir-rigward tal-indirizzar tal-Istati Membri li ma juru ebda progress f'dan ir-rigward;*** |

Or. en

**Emenda 204**
**Jana Žitňanská, Helga Stevens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12b. Jenfasizza li kwalunkwe żieda futura fil-finanzjament tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ għandha tiġi vvalutata bir-reqqa f'termini tal-valur miżjud tagħha fl-għoti ta' integrazzjoni sostenibbli taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 205**

**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jitlob li jkun hemm diskussjoni futura dwar il-kwalità tal-offerti taħt l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ u dwar l-impatt pożittiv li l-età ta' eliġibilità għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tiġi estiża għall-kategorija 25-***29***; | 13. Jitlob li jkun hemm diskussjoni futura dwar il-kwalità tal-offerti taħt l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ u dwar l-impatt pożittiv li l-età ta' eliġibilità għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tiġi estiża għall-kategorija 25-***30***; ***jiddikjara li d-dibattitu jkun aktar produttiv aktar ma jkun hemm interlokuturi soċjali li jipparteċipaw fih; jikkunsidra b'mod ferm pożittiv l-iżvilupp ta' djalogu "dwar l-impjiegi għaż-żgħażagħ" bejn interlokuturi soċjali u istituzzjonijiet Ewropej bl-għan li jiġu pprovduti linji ta' titjib u ta' skambju ta' prattiki tajbin li jkunu ta' ġid għall-futur tal-programm;*** |

Or. es

**Emenda 206**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. ***Jitlob li jkun hemm diskussjoni futura dwar*** il-kwalità tal-offerti taħt l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ u ***dwar l-impatt pożittiv*** li l-età ta' eliġibilità għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tiġi estiża għall-kategorija 25-29; | 13. ***Jenfasizza l-ħtieġa li titjieb*** il-kwalità tal-offerti taħt l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ u ***jirrakkomanda*** li l-età ta' eliġibilità għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tiġi estiża għall-kategorija 25-29; |

Or. en

**Emenda 207**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jitlob li jkun hemm diskussjoni futura dwar il-kwalità tal-offerti taħt l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ u dwar l-impatt pożittiv li l-età ta' eliġibilità għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tiġi estiża għall-kategorija 25-29; | 13. Jitlob li jkun hemm diskussjoni futura dwar il-kwalità tal-offerti taħt l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ u dwar l-impatt pożittiv ***jew negattiv*** li l-età ta' eliġibilità għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tiġi estiża għall-kategorija 25-29; |

Or. fr

**Emenda 208**
**Robert Rochefort**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jitlob li jkun hemm diskussjoni futura dwar il-kwalità tal-offerti taħt l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ u dwar l-impatt ***pożittiv*** li l-età ta' eliġibilità għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tiġi estiża għall-kategorija 25-29; | 13. Jitlob li jkun hemm diskussjoni futura dwar il-kwalità tal-offerti taħt l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ u dwar l-impatt li l-età ta' eliġibilità għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tiġi estiża għall-kategorija 25-29; |

Or. fr

**Emenda 209**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jikkunsidra li sabiex dan il-qafas ta' kwalità tal-impjiegi għaż-żgħażagħ ikun effettiv huwa rrakkomandat li jsir progress fl-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni b'bażi legali fl-Artikoli 292 u 153 tat-TFUE, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' firxa ta' miżuri informattivi bħal pereżempju l-ħolqien ta' paġna web li tista' tiġi aċċessata u aġġornata faċilment b'informazzjoni rilevanti dwar ir-regolamentazzjoni tal-apprendistati f'kull Stat Membru;*** |

Or. es

**Emenda 210**
**Jeroen Lenaers, Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jirrikonoxxi li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ hija strument finanzjarju u li ***huwa ferm meħtieġ li jkun hemm*** sforzi akbar mill-Istati Membri biex ikun hemm rabta aħjar bejn is-sistemi edukattivi u s-swieq tax-xogħol sabiex ***jiġu evitati d-diskrepanzi fil-ħiliet***; | 14. Jirrikonoxxi li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ hija strument finanzjarju u li sforzi akbar mill-Istati Membri biex ikun hemm rabta aħjar bejn is-sistemi edukattivi u s-swieq tax-xogħol***, inklużi swieq tax-xogħol transkonfinali,*** sabiex ***jiġi żgurat ukoll li l-ħiliet li huma mitluba u li dawk offruti jitqabblu aħjar, pereżempju bil-promozzjoni tal-edukazzjoni f'lingwi ta' pajjiżi ġirien***; |

Or. nl

**Emenda 211**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 14. Jirrikonoxxi li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ hija strument finanzjarju u li huwa ferm meħtieġ li jkun hemm sforzi akbar mill-Istati Membri biex ikun hemm rabta aħjar bejn is-sistemi edukattivi u s-swieq tax-xogħol sabiex ***jiġu evitati d-diskrepanzi fil-ħiliet***; | 14. Jirrikonoxxi li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ hija strument finanzjarju u li huwa ferm meħtieġ li jkun hemm sforzi akbar mill-Istati Membri biex ikun hemm rabta aħjar***, peress li huma indipendenti,*** bejn is-sistemi edukattivi u s-swieq tax-xogħol sabiex ***jittaffew l-indiċi allarmanti ta' qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Unjoni***; |

Or. es

**Emenda 212**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jirrikonoxxi li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ hija strument finanzjarju u li huwa ferm meħtieġ li jkun hemm sforzi akbar mill-Istati Membri biex ikun hemm rabta aħjar bejn is-sistemi edukattivi u s-swieq tax-xogħol sabiex jiġu evitati d-diskrepanzi fil-ħiliet; | 14. Jirrikonoxxi li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ hija strument finanzjarju ***maħsub biex jappoġġja l-inizjattiva tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ*** u li huwa ferm meħtieġ li jkun hemm sforzi akbar mill-Istati Membri biex ikun hemm rabta aħjar bejn is-sistemi edukattivi u s-swieq tax-xogħol sabiex ***aktar żgħażagħ jidħlu f'impjiegi ta' kwalità filwaqt li*** jiġu evitati d-diskrepanzi fil-ħiliet; |

Or. en

**Emenda 213**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin, Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jirrikonoxxi li l-Inizjattiva favur l- | 14. Jirrikonoxxi li l-Inizjattiva favur l- |

| | |
|---|---|
| Impjieg taż-Żgħażagħ hija strument finanzjarju u li huwa ferm meħtieġ li jkun hemm sforzi akbar mill-Istati Membri biex ikun hemm rabta aħjar bejn is-sistemi edukattivi u s-swieq tax-xogħol sabiex jiġu evitati d-diskrepanzi fil-ħiliet; | Impjieg taż-Żgħażagħ hija strument finanzjarju u li huwa ferm meħtieġ li jkun hemm sforzi akbar mill-Istati Membri biex ikun hemm rabta aħjar bejn is-sistemi edukattivi u ***ta' taħriġ, u*** s-swieq tax-xogħol sabiex jiġu evitati d-diskrepanzi fil-ħiliet; |

Or. fr

**Emenda 214**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jikkunsidra l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ bħala essenzjali biex ir-Rakkomandazzjonijiet ewlenin inklużi fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jitwasslu b'mod effettiv, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni 1 dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja; in-numru 4 dwar l-appoġġ attiv għall-impjiegi, in-numru 5 dwar impjieg sikur u adattabbli, in-numru 6 dwar il-pagi; in-numru 8 dwar id-djalogu soċjali u l-involviment tal-ħaddiema; in-numru 10 dwar ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sikur u adattat sew u l-protezzjoni tad-data; in-numru 12 dwar il-protezzjoni soċjali; in-numru 13 dwar il-benefiċċji tal-qgħad u n-numru 14 dwar l-introjtu minimu;*** |

Or. en

**Emenda 215**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iġeddu l-isforzi konġunti mal-ILO biex tiġi pprovduta informazzjoni adattata u biex jittejbu l-kapaċitajiet nazzjonali sabiex jitwasslu u evalwati l-iskemi ta' garanzija għaż-żgħażagħ f'dawn l-aspetti li ġejjin: tiġi żgurata l-implimentazzjoni totali u sostenibbli tal-inizjattiva, jitjieb it-tqarrib man-NEETs mhux reġistrati u ż-żgħażagħ bi kwalifiki baxxi u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-titjib tal-kwalità tal-offerti;*** |

Or. es

**Emenda 216**
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Itenni l-impenn tiegħu li jissorvelja mill-qrib l-attivitajiet kollha tal-Istati Membri maħsuba biex jagħmlu l-Garanzija għaż-Żgħażagħ realtà, u jistieden lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ biex iżommu lill-Parlament aġġornat dwar l-analiżi tagħhom rigward l-azzjonijiet tal-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati żgħażagħ fit-tfassil tal-politika;*** |

Or. en

**Emenda 217**
**Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jirrikonoxxi li l-utilizzazzjoni tal-ħiliet tkompli tippreżenta sfida madwar l-Ewropa kollha, fejn ħafna ħaddiema huma kwalifikati żżejjed jew ma jkunux ikkwalifikati biżżejjed għall-pożizzjoni attwali tagħhom, u jistgħu jkunu qed jikkontribwixxu għal produttività baxxa f'ċerti oqsma;*** |

Or. en

**Emenda 218**
**Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Fl-istennija tad-data finali għaċ-ċifri pprovduti mill-Kummissjoni min-naħa tal-Istati Membri, in-numru ta' żgħażagħ li lestew il-programm tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ fi tmiem l-2015 kien stmat għal 203,000 persuna, li jikkostitwixxi 4 % tal-parteċipanti; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-għadd kbir ta' parteċipanti fl-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ li ma jispiċċawx il-programm f'xi Stati Membri; jikkunsidra li huwa importanti li jissaħħu l-inċentivi sabiex jiġi evitat li ż-żgħażagħ jikkunsidraw l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ bħala programm li mhuwiex daqstant utli;*** |

Or. es

**Emenda 219**

**Brando Benifei, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Ifakkar li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ jenħtieġ li tipprovdi appoġġ finanzjarju lil miżuri li jrawmu l-integrazzjoni tan-NEETs żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, inklużi internships, traineeships u apprendistati mħallsa, iżda jenħtieġ li ma jsirux strument li jissostitwixxi impjieg reali bi ħlas;*** |

Or. en

**Emenda 220**
**Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Jitlob li jkun hemm analiżi aktar komprensiva għal kull reġjun tal-popolazzjonijiet tan-NEETs biex l-inizjattivi ta' impjieg jitfasslu aħjar għall-benefiċjarji; din jenħtieġ li tinkludi, fost l-oħrajn, tqassim skont id-distribuzzjoni tal-età, il-kwalifiki, is-sess, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali;*** |

Or. en

**Emenda 221**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14c. Jinsab imħasseb dwar ir-rapporti li jindikaw l-użu mhux xieraq ta' miżuri ffinanzjati mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, inklużi pagamenti tard liż-żgħażagħ jew l-użu eċċessiv ta' internships jew traineeships minflok kuntratti aktar permanenti f'ċerti Stati Membri; għalhekk iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jaraw li ma jkun hemm l-ebda abbuż biex jintlaħaq l-għan ġenwin tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ;*** |

Or. en

**Emenda 222**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14d. Huwa tal-fehma li kwalunkwe użu ripetut tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ ma jridx ikun kontra l-ispirtu tal-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol kif ukoll l-għan tat-tranżizzjoni f'impjieg permanenti;*** |

Or. en

**Emenda 223**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***14e. Jissuġġerixxi l-istabbiliment ta' "Hotline tal-UE kontra l-ksur tad-drittijiet taż-żgħażagħ" għal dawn tal-aħħar biex jirrapportaw lill-Kummissjoni kwalunkwe esperjenza negattiva eventwali fil-parteċipazzjoni tagħhom fil-miżuri tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, biex b'hekk tkun tista' tinġabar l-informazzjoni u għall-investigazzjoni ta' prattiki abbużivi potenzjali fl-użu ta' politiki ffinanzjati mill-UE;*** |

Or. en

**Emenda 224**
**Brando Benifei, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Sergio Gutiérrez Prieto, Jutta Steinruck, Siôn Simon, Agnes Jongerius, Elena Gentile, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14f (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14f. Jilqa' r-referenza li tinsab fl-ittra ta' intenzjoni mehmuża mad-diskors tal-President Juncker dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017 għal proposta biex tiġi stabbilita Awtorità Ewropea tax-Xogħol biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-suq tax-xogħol fil-livelli kollha u jiġu mmaniġġjati aħjar sitwazzjonijiet transkonfinali, kif ukoll inizjattivi ulterjuri li jappoġġjaw il-mobilità ġusta; jissuġġerixxi l-attribuzzjoni ta' rwol lil din l-awtorità biex tissorvelja l-implimentazzjoni tajba tal-miżuri tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ madwar l-UE kollha;*** |

Or. en